

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea

L 67



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

15 ta' Marzu 2011

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

## REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Implimentattiv tal-Kunsill (UE) Nru 248/2011 tad-9 ta' Marzu 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina** ..... 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 249/2011 tal-14 ta' Marzu 2011 li jadotta l-ispeċifikazzjonijiet tal-modulu *ad hoc* tal-2012 dwar it-tranżizzjoni mix-xogħol għall-irtirar stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 <sup>(1)</sup>** ..... 18
- Regolament Implimentattiv tal-Kummissjoni (UE) Nru 250/2011 tal-14 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 22
- Regolament Implimentattiv tal-Kummissjoni (UE) Nru 251/2011 tal-14 ta' Marzu 2011 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11 ..... 24

Prezz: EUR 3

(Ikompili fil-paġna ta' wara)

<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2011/158/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-15 ta' Frar 2011 dwar it-tiġdid tal-mandat tal-membri tal-Komitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) .....** 26



## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT IMPLIMENTATTIV TAL-KUNSILL (UE) Nru 248/2011

tad-9 ta' Marzu 2011

**li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ('ir-Regolament bażiku') u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni') wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## A. MIŻURI PROVVIŻORJI

- (1) Il-Kummissjoni, bir-Regulation (UE) Nru 812/2010 <sup>(2)</sup> ('ir-Regolament provviżorju'), imponiet dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ('RPĊ').
- (2) Il-proċediment tnieda minħabba lment imressaq fit-3 ta' Novembru 2009 ('l-ilment') mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Produtturi tal-Fibra tal-ħġieġ (APFE, li issa jismha 'GlassFibreEurope') ('l-ilmentatriċi') fisem il-produtturi li jirrappreżentaw il-proporzjon ewlieni, f'dan il-każ ta' aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu.
- (3) Huwa mfakkar li, kif stabbilit fil-premessa 14 tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-

30 ta' Settembru 2009 ('il-perjodu tal-investigazzjoni' jew il-'PI'). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-evalwazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sa tmiem il-PI (il-'perjodu kkunsidrat').

## B. PROĊEDURA SUSSEGWENTI

- (4) Sussegwenti għall-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom kien deċiż li jkunu imposti l-miżuri provviżorji ('żvelar provviżorju'), diversi partijiet interessati għamlu sottomissjonijiet bil-miktub fejn spjegaw il-fehmiet tagħhom dwar ir-riżultati provviżorji. Il-partijiet li għamlu dan ingħataw l-opportunità li jinstemgħu.
- (5) Il-Kummissjoni kompliet tfittex informazzjoni li qieset meħtieġa għar-riżultati definittivi tagħha. Minbarra l-verifiki msemmija fil-premessa 11 tar-Regolament provviżorju, ġiet imwettqa verifika ulterjuri fil-bini ta' Saertex f'Saerbeck, il-Ġermanja, wieħed mill-utenti tal-fibri tal-ħġieġ li kienu kkoperaw billi rrispondew kwestjonarju tal-utenti.
- (6) Il-partijiet kollha kienu infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom kien maħsub li tkun irrakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-RPĊ u l-ġbir definittiv tal-ammonti miksuba permezz tad-dazju provviżorju, kif rivedut skont dan ir-Regolament ('żvelar finali'). Huma ngħataw ukoll perjodu ta' żmien li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar.
- (7) Il-kummenti orali u bil-miktub sottomessi mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u ġew meqjusa fejn xieraq.

## 1. Ambitu tal-investigazzjoni: importazzjonijiet li joriġinaw mill-Malasja, it-Tajwan u t-Turkija

- (8) Produttur esportatur wieħed iddikjara li l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mil-Malasja, it-Tajwan u t-Turkija għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tal-investigazzjoni attwali. Huwa argumenta li l-esklużjoni ta' dawn il-pajjiżi

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

<sup>(2)</sup> ĠU L 243, 16.9.2010, p. 40.

kienet diskriminatorja peress li, skont dawn ir-riżultati provviżorji, il-volum tal-importazzjonijiet minn dawn it-tliet pajjiżi ma jkunx negliġibbli u jkun hemm evidenza *prima facie* ta' twaqqigħ tal-prezz.

- (9) F'dan ir-rigward, għandu qabel kolloxx jiġi osservat li fl-istadju inizjali, ma kien hemm ebda evidenza *prima facie* ta' dumping, danna u rabta kawżali, kif meħtieġ skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, li jiġġustifika l-bidu ta' proċediment ta' antidumping fuq importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi. Għall-kuntrarju, f'dak li jirrigwarda l-volumi tal-importazzjoni, l-ilmentaturi ressuq informazzjoni li l-importazzjonijiet u l-ishma tas-suq minn pajjiżi oħra kienu naqsu mill-2004.
- (10) F'dak li jirrigwarda l-Malasja, it-Tajwan u t-Turkija, l-analiżi fl-istadju provviżorju kkonfermat li l-importazzjonijiet mit-Tajwan u mit-Turkija naqsu matul il-perjodu kkunsidrat (minn 2,0 % għal 1,5 % u minn 2,9 % għal 2,5 % rispettivament) filwaqt li l-importazzjonijiet mill-Malasja żdiedu bi ftit, minn 1,0 % għal 1,7 %. Għalkemm dawn il-livelli ta' importazzjonijiet huma ogħla mil-livelli ta' importazzjoni *de minimis* meħtieġa skont l-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku, kriterji oħra għall-inklużjoni ta' dawn il-pajjiżi fl-investigazzjoni ma ġewx sodisfatti. B'mod partikolari, ma waslet ebda informazzjoni li tindika dumping minn xi wieħed minn dawn il-pajjiżi. It-talba għall-inklużjoni tal-Malasja, it-Tajwan u t-Turkija hija għalhekk miċħuda.

### C. PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

#### 1. Prodott ikkonċernat

- (11) Jiġi mfakkar li, kif stabbilit fil-premessa 15 tar-Regolament provviżorju, il-prodott ikkonċernat kif deskritt fl-Avviż tat-tnedija huwa swieġel tal-fibra tal-ħġieġ mqattgħa, ta' tul ta' mhux iktar minn 50 mm; fibri mibruma tal-ħġieġ; filaturi u ħjut ta' filamenti tal-fibra tal-ħġieġ; u twapet magħmula minn filamenti tal-fibra tal-ħġieġ minbarra twapet tas-suf tal-ħġieġ u li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, 7019 12 00, 7019 19 10 u ex 7019 31 00 ('il-prodott ikkonċernat').
- (12) Barra minn hekk, kif stabbilit fil-premessa 19 tar-Regolament provviżorju, ġie deċiż li l-ħjut jiġu trattati provviżorjament li jiffurmaw parti mill-prodott ikkonċernat għalkemm dan kien suġġett għal investigazzjoni ulterjuri u kunsiderazzjoni fl-istadju definittiv.
- 1.1. *Ħjut*
- (13) Wara l-iżvelar tal-miżuri provviżorji, it-talba għall-esklużjoni tal-ħjut ġiet investigata iktar. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li wasal għadd kbir ta' sottomissjonijiet li saħqu li l-ħjut għandhom jiġu esklużi qabel l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji (ara l-premessi 18 u 19 tar-Regolament provviżorju). Barra minn hekk, wara l-impożizzjoni

tal-miżuri provviżorji, wasal ammont sostanzjali ta' informazzjoni addizzjonali u iktar dettaljata mill-partijiet interessati. Dawn il-kummenti kollha ġew analizzati fid-dettall kif spjegat hawn taħt.

- (14) Diversi partijiet interessati sostnew li l-ħjut għandhom jkunu distinti mit-tliet tipi l-oħra ta' prodotti bażiċi msemmija fil-premessa 17 tar-Regolament provviżorju, billi: (i) il-ħjut ikollhom karatteristiċi fiżiċi u kimiċi differenti, (ii) il-proċess tal-produzzjoni tal-ħjut u tat-tliet tipi l-oħra ta' prodotti bażiċi jkun differenti, u (iii) il-ħjut jintużaw għal skopijiet differenti.
- (15) F'dak li jirrigwarda l-argumenti (i) u (ii), ġiet sottomessa evidenza li indikat il-karatteristiċi distintivi tal-ħjut mibruma, swieġel imqattgħa u twapet fuq naħa waħda, u tal-ħjut fuq in-naħa l-oħra. Iktar speċifikament, l-informazzjoni indikat li t-twapet u s-swieġel imqattgħa tipikament ikunu magħmula minn ħjut mibruma (rovings) u mhux mill-ħajt. Wara l-iżvelar finali, l-industrija tal-Unjoni kkontestat din is-separazzjoni u saħqet li xi swieġel imqattgħa ta' speċjalità fil-fatt ikunu magħmula mill-ħjut. Madankollu, l-eżistenza ta' xi swieġel imqattgħa ta' speċjalità magħmula mill-ħjut ma timplikax li l-ħjut għandhom jitqiesu li jaqgħu fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat (ara wkoll il-premessa 20 hawn taħt).
- (16) Fir-rigward tal-ewwel talba dwar id-differenzi fil-karatteristiċi kimiċi u fiżiċi bażiċi, studju ta' istitut ewlieni tar-riċerka ġie sottomess minn parti interessata. Dan l-istudju qabel, fost l-oħrajn, il-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi tal-ħjut mibruma u l-ħjut. Wara l-iżvelar finali, kien hemm xi riservi dwar is-sejbiet ta' dan it-tqabbil li min-naħa tagħhom ipprovokaw xi kummenti importanti minn ċerti utenti tal-ħjut. Minn din l-informazzjoni jista' jiġi konkluż li komponent kimiku essenzjali tar-rovings, twapet u swieġel imqattgħa huwa s-'silane', aġent ta' akkoppjament kimiku li jiffaċilita l-assorbiment tar-reżina għall-matriċi. Il-ħjut normalment ma jsirux b'dan l-aġent kimiku, iżda b'sustanza kimika bbażata fuq iż-żejt tal-lantu ('size') li tiżdied bħala lubrikant u aġent protettiv sabiex il-ħjut ikunu jistgħu jifilħu għall-ħruxija tal-insiġ b'veloċità għolja. B'kuntrast mal-ħjut mibruma, fejn l-aġent tal-akkoppjament jgħin biex jassorbi reżina, 'size' jirripella r-reżina. Fir-rigward tal-karatteristiċi kimiċi bażiċi, ġie stabbilit ukoll li l-materja prima tal-ħġieġ għall-ħjut għandha kompożizzjoni aktar stabbli u uniformità akbar fid-daqs tal-partikoli milli l-materja prima għat-tipi ta' prodotti l-oħra.
- (17) Mill-perspettiva tal-karatteristiċi fiżiċi, il-ħjut jidhru li ma għandhomx l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi bħat-tipi l-oħra tal-prodotti. L-ewwel nett, huwa rikonossut normalment li l-ħjut huma ġeneralment magħmula minn materjal iktar fin b'fibra ta' dijametru iktar baxx u b'densità lineari iktar baxxa mill-ħjut mibruma. It-tieni, il-ħjut huma l-uniku tip ta' prodott li jiġi milwi (għalkemm jeżistu wkoll ħjut li mhumiex milwija).

- (18) Fir-rigward tat-tieni talba dwar id-differenzi fil-proċess tal-produzzjoni, għalkemm il-partijiet kollha jirrikonoxxu li l-erba' tipi ta' prodotti bażiċi huma manifatturati minn ħġieġ imdewweb li jkun fih ramel tas-silika, irmied tas-soda, ġebbla tal-franka, kaolina u dolomit, li jinġibed permezz ta' pjanċi tal-platinu u r-rodju b'ħafna toqob u reżistenti għas-sħana ('bushings'), hemm ċerti differenzi importanti fil-proċess tal-produzzjoni tal-ħjut meta mqabbel ma' prodotti oħra investigati. L-ewwel nett, għall-produzzjoni tal-ħjut, huma meħtieġa preċiżjoni oġhla u kontroll ta' temperatura stabbli, kif ukoll input ta' enerġija, bl-applikazzjoni ta' parametri ta' kontroll iktar stretti (output ta' bushing, eċċ). Billi t-toqob fil-bushings huma iżgħar, l-output tal-produzzjoni huwa sostanzjalment inqas meta mqabbel mal-prodotti l-oħra. Għalhekk, normalment jintużaw il-fran għall-produzzjoni kemm tal-ħjut kif ukoll tal-ħjut mibrum – tabilħaqq, għal raġunijiet ekonomiċi, il-produtturi tal-fibri tal-ħġieġ ma jalternawx fil-produzzjoni ta' dawn iż-żewġ prodotti fl-istess forn. Differenza oħra fil-proċess tal-produzzjoni hija li, wara l-proċess tal-bushing, il-ħjut jiġu milwija.
- (19) Fir-rigward tal-argument (iii) rigward id-differenzi fl-applikazzjonijiet, irriżulta li l-karatteristiċi kimiċi differenti tal-ħjut meta mqabbla mal-ħjut mibrum, is-swiegel imqattgħa u t-twapet huma marbuta mal-użi differenti tal-ħjut. Għalkemm kien ġie konkluż provviżorjament li "kważi t-tipi differenti kollha tal-prodott ikkonċernat (...) bażikament jintużaw għall-istess għanijiet", abbażi tal-kummenti li waslu wara l-iżvelar provviżorju, din il-kwistjoni ġiet investigata aktar u ġie stabbilit li, filwaqt li l-ħjut mibrum, is-swiegel imqattgħa u t-twapet intużaw biex isaħħu l-plastiks fil-komposti, il-ħjut primarjament ġew użati fil-produzzjoni ta' materjali ta' inġinerija ħafna eħfef għal applikazzjonijiet tad-drapp tekniċi bħal iżolament ta' prestazzjoni għolja, protezzjoni u applikazzjonijiet ta' filtrazzjoni. F'xi każijiet, il-ħjut jistgħu jkunu adattati wkoll għal finijiet ta' rinforzar, iżda dan jiġri biss f'numru limitat ħafna ta' każijiet u anke meta dan ikun il-każ, minħabba l-prezz relattivament għoli ħafna tal-ħjut meta mqabbla mal-ħjut mibruma, ħafna drabi ma jsirx minħabba raġunijiet ekonomiċi.
- (20) Fid-dawl tad-differenzi ta' hawn fuq, mhuwiex sorprendenti li s-suq iqis il-ħjut bħala differenti mit-tliet prodotti l-oħra. Tabilħaqq, ġie ppubblikat rapport tas-suq f'ġurnal indipendenti speċjalizzat fil-prodotti komposti li tressaq minn kemm l-utenti kif ukoll l-industrija tal-Unjoni. Dan ir-rapport, li b'ebda mod ma kien marbut ma' dan il-proċediment antidumping, l-ewwel spjega li, għal raġunijiet ta' produzzjoni u użi, għandha ssir distinzjoni bejn il-ħjut u l-ħjut mibruma. Imbagħad analizza fid-dettall il-kapaċità globali għall-produzzjoni tal-fibra tal-ħġieġ għaż-żewġ gruppi: (i) ħjut mibruma, swiegel imqattgħa u twapet flimkien; u (ii) ħjut <sup>(1)</sup>.
- (21) Fir-rigward tas-sostituzzjoni potenzjali tal-ħjut ma' tipi oħra ta' prodotti bażiċi, għandu jiġi osservat li, kif diġà ntqal fil-premessa 19 tar-Regolament provviżorju, dan teoretikament ikun possibbli peress li l-ħjut jistgħu jintużaw f'għadd limitat ta' applikazzjonijiet minflok tipi oħra. Madankollu, wara analiżi ulterjuri, il-Kummissjoni kkonstatat li fil-prattika din ma tkunx alternattiva ekonomikament vijabbli minħabba d-differenza sostanzjali fil-prezz tal-ħjut ta' manifattura meta mqabbel ma' dak ta' prodotti oħra, li tista' tiġi spjegata mid-differenzi tal-proċess tal-produzzjoni msemmi fil-premessa 18 ta' hawn fuq.
- (22) Fl-ilment li fuq il-bażi tiegħu nbdiat din l-investigazzjoni, ġie msemmi espliċitament li l-prodott ikkonċernat għandu funzjoni unika waħda u għaldaqstant għan jew użu wieħed, jiġifieri r-rinforzar tal-plastiks fil-komposti. Madankollu, l-analiżi ta' hawn fuq stabbiliet li d-differenzi fil-proċeduri tal-produzzjoni tal-ħjut meta mqabbla mal-ħjut mibrum (u s-swiegel imqattgħa u t-twapet) irriżultaw f'karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi fundamentament differenti, fid-dawl ta' applikazzjonijiet differenti tal-ħjut inkluż diversi użi oħra apparti l-materjal kompost. Il-kummenti li waslu f'dan ir-rigward wara l-iżvelar finali ma waslux biex tinbidel din il-konklużjoni.
- (23) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, it-talba li jiġu esklużi l-ħjut fuq il-bażi ta' karatteristiċi fiżiċi u kimiċi differenti u użi differenti meta mqabbla mal-ħjut mibrum, is-swiegel imqattgħa u t-twapet, hija hawnhekk aċċettata. Huwa għalhekk konkluż li ħjut għandhom jiġu esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kif definit fir-Regolament provviżorju. Il-ħjut għalhekk huma esklużi definittivament mill-proċedura.
- (24) Għandu jiġi osservat ukoll li talba dwar l-esklużjoni ta' ħjut irraq ġiet sottomessa minn parti interessata, imma dan ma għandux rilevanza aktar minħabba l-esklużjoni tal-ħjut kollha mill-ambitu tal-prodott.

## 1.2. Ħjut mibruma tessurizzati

- (25) Parti interessata waħda talbet li l-ħjut mibruma tessurizzati jiġu esklużi. Din it-talba kienet ibbażata fuq l-argument li l-ħjut mibruma tessurizzati għandhom jiġu trattati skont l-istess prinċipju bħal ħjut mibruma imdakkra, għax il-prodott ma għadux ħjut mibruma iżda sar prodott aktar downstream.
- (26) F'dan ir-rigward huwa importanti li r-raġuni għall-esklużjoni ta' ċerti ħjut mibruma mdakkra tiġi ripetuta. Tabilħaqq, ċerti ħjut mibruma u ħjut ġew esklużi peress li dawn it-tipi ġew trattati b'mod speċjali billi ġew miksiġa u mdakkra u dawn kellhom telf ta' tkebbis ta' iktar minn 3 %, li tahom karatteristiċi fiżiċi u kimiċi differenti.
- (27) F'dak li jirrigwarda l-ħjut mibruma tessurizzati, huwa mifhum li dawn huma ħjut mibruma li mhumiex miksiġa jew imdakkra u li għandhom telf fil-valur tat-tkebbis ta' bejn 0,3 % u 0,13 %. Għalhekk, dawn huma prodotti differenti b'mod ċar meta mqabbla mal-ħjut mibruma

<sup>(1)</sup> JEC Composites Magazine, No 58 June-July 2010, p. 14.

mdakkra li ġew esklużi fl-istadju provviżorju. Fit-tieni lok, irriżulta li, bħall-ħjut mibruma, is-swiegel imqattgħa u t-twapet l-oħra, il-ħjut mibruma tessurizzati primarjament jintużaw għar-rinfurzar tal-plastiks fil-komposti. Għalhekk, huma koperti b'mod ċar mid-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott, kemm fil-ilment kif ukoll fl-avviż li jibda din il-proċedura, u ma jidher li teżistu ebda raġuni li tiġġustifika l-esklużjoni tagħhom.

- (28) Għalhekk, huwa konkluż li l-ħjut mibruma tessurizzati jaqgħu b'mod ċar u mingħajr dubju fl-ambitu tal-prodott ta' dann il-proċediment u t-talba biex jiġu esklużi minn dak l-ambitu ma għandhiex bażi fattwali suffiċjenti u għandha tiġi miċħuda.

### 1.3. Konklużjoni

- (29) F'dak li jirrigwarda l-ambitu tal-prodott, ma ġew sottomessi ebda talbiet ulterjuri.
- (30) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ġie meqjus xieraq li tiġi riveduta d-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott kif stabbilita fir-Regolament provviżorju. Għalhekk, il-prodott ikkonċernat huwa definit definitivament bħala swiegel tal-fibra tal-ħġieġ imqattgħa, ta' tul ta' mhux aktar minn 50 mm; fibri mibruma tal-ħġieġ, minbarra fibri mibruma tal-ħġieġ li huma mdakkra u miksiya u li għandhom telf ta' tkebbis ta' iktar minn 3 % (kif stabbilit mill-Istandard ISO 1887); u twapet magħmula minn filamenti tal-fibra tal-ħġieġ minbarra twapet tas-suf tal-ħġieġ.

## 2. Prodott simili

- (31) Fin-nuqqas ta' kwlaunkwe talba jew kumment relatat u b'kunsiderazzjoni tar-riżultati stabbiliti fil-premessi 13 sa 23 ta' hawn fuq, il-konklużjonijiet fil-premessa 20 tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

## D. DUMPING

### 1. Trattament tal-ekonomija tas-suq ('MET')

- (32) Wara l-pubblikazzjoni tal-miżuri provviżorji, produttur/grupp esportatur wieħed li ma ngħatax l-MET reġa' wera n-nuqqas ta' qbil tiegħu ma' din iċ-ċaħda tal-MET. Madankollu, il-produttur/grupp esportatur ikkonċernat sempliċement irrepeta d-dikjarazzjonijiet li għamel qabel fil-proċediment mingħajr ma ta argumenti ġodda. Ta' min ifakkar li, kif spjegat fir-Regolament provviżorji, dawk l-argumenti diġà kienu indirizzati fid-dettall fil-komunikazzjoni individwali mal-produttur/grupp esportatur ikkonċernat.
- (33) Barra minn hekk, wara l-iżvelar finali, il-produttur/grupp esportatur ikkonċernat allega li l-Kummissjoni ma tatx kas ta' evidenza ġdida li kien ressaq. Ta' min jinnotta li f'dan ir-rigward l-evidenza msemmija kienet biss sottomissjoni ta' xi dokumenti ta' appoġġ għall-argument li

diġà kien tqajjem u ngħata risposta rigward il-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpanija. Għalhekk, ma tressqet ebda evidenza li tpoġġi dubju fuq id-deċiżjoni li ma tingħatax MET lill-produttur/grupp esportatur ikkonċernat.

- (34) Konsegwentement, ir-riżultati provviżorji fir-rigward tat-talba għal MET ta' dak il-produttur/grupp esportatur huma kkonfermati definittivament.
- (35) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-kontenut tal-premessi 21 sa 29 tar-Regolament provviżorju li jirrigwarda r-riżultati tal-MET huwa hawnhekk ikkonfermat definittivament.

## 2. Trattament individwali ('TI')

- (36) Minbarra l-iżvelar provviżorju, l-istess produttur/grupp esportatur li kkummenta dwar id-deċiżjoni rigward il-MET tiegħu ma qabilx maċ-ċaħda tat-talba tiegħu għal TI. Huwa allega li l-Kummissjoni ma pprovdietx motivazzjoni suffiċjenti għaċ-ċaħda tat-talba tiegħu għal TI.
- (37) F'dan ir-rigward, ġie mtenni li kif ġie ddikjarat fil-premessa 26 tar-Regolament provviżorju, fil-parti tal-analiżi tal-MET, il-maġġoranza tad-diretturi fil-Bord tad-Diretturi ta' din il-kumpanija ġew maħtura minn kumpanja li l-parti l-kbira tagħha tinsab f'idejn l-Istat. Konsegwentement, ma tistax tkun eskluża interferenza sinifikanti tal-Istat fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' dan il-produttur esportatur.
- (38) Konsegwentement, kien ikkonfermat għal dan il-produttur esportatur li, peress li ma weriex li kien suffiċjentement indipendenti mill-Istat, huwa ma ssodisfax il-kriterji tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku u li għalhekk it-talba tiegħu għal TI għandha tiġi miċħuda.
- (39) Wara l-iżvelar finali, il-produttur esportatur ta' hawn fuq u l-produtturi esportaturi l-oħra li ma ngħatawx TI argumentaw li d-deċiżjoni li ma jingħatawx TI ma kinitx konformi mar-Rapport tal-Bord tad-WTO fit-tilwima DS 397 dwar il-Miżuri Definittivi Antidumping fuq Ċerti Qafliet tal-Ħadid jew l-Azzar mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. F'dan ir-rigward, ta' min jinnotta li r-Rapport tal-Bord imsemmi fuq għadu mhux finalizzat billi għadu ma ġiex adottat mill-Bord tar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim. Barra minn hekk, il-perjodu ta' żmien għall-appell kontra dak ir-Rapport tal-Bord għadu ma għad diex. Din it-talba għalhekk ġiet miċħuda.
- (40) Konsegwentement, u fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar it-TI, il-kontenut tal-premessi 30 sa 33 tar-Regolament provviżorju huwa b'dan ikkonfermat definittivament u huwa konkluż definittivament li ma għandux jingħata IT lil ebda wieħed mill-gruppi/produtturi esportaturi li ma ngħatawx MET.



### 3. Valur normali

#### 3.1. *Determinazzjoni tal-valur normali għall-produttur/grupp esportatur li ngħata MET*

- (41) Wara l-iżvelar provviżorju, il-produttur/grupp esportatur li ngħata l-MET issottometta li għat-tipi ta' prodotti li ma nbigħux fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku (jew ma nbiegħu mkien), il-valur normali tal-prodott simili għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-valur normali kostrutt u mhux bħal ma għamlet il-Kummissjoni fl-istadju provviżorju – jiġifieri billi użat prezzijiet domestiċi li jirrappreżentaw il-valur normali ta' tipi li jixxiebhu (aġġustati kif jixraq).
- (42) It-talba għet aċċettata u konsegwentement il-valur normali għat-tipi mhux rappreżentattivi (jiġifieri dawk li l-bejgħ domestiku tagħhom kien inqas minn 5 % tal-bejgħ f'esportazzjonijiet lill-Unjoni jew li ma nbiegħu xejn fis-suq domestiku) ġie kkalkolat abbażi ta' kemm tiswa l-manifattura għal kull tip ta' prodott flimkien ma' ammont għall-ispejjeż tal-bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi u għall-profitti. Fil-każ ta' bejgħ domestiku eżistenti, intuża l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott għat-tipi ta' prodotti kkonċernati (billi t-tranżazzjonijiet kollha ta' bejgħ domestiku ta' dawn it-tipi ta' prodotti nstabu li għamlu profitt, huwa ċar li kien hemm konformità mat-test tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku). Fil-każ ta' ebda bejgħ domestiku, intuża profitt medju. Għal tip ta' prodott wieħed, li għalih ma għet ipprovduta l-ebda spiża tal-manifattura, ġie użat valur normali kostruwit ta' tip li jixbhu.
- (43) Għat-tipi ta' prodotti li jifdal, sussegwentement ġie eżaminat jekk kull tip ta' prodott ikkonċernat mibjugħ domestikament fi kwantitajiet rappreżentattivi jistax jitqies bħala li qed jimbiegh waqt l-operazzjonijiet ordinarji tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku u kif deskritt fil-premessi 37 sa 40 tar-Regolament provviżorju.
- (44) L-investigazzjoni ulterjuri stabbiliet li l-bejgħ bi profitt ta' f'it tipi biss ta' prodotti komparabbli kienu aktar minn 80 % tal-bejgħ domestiku totali u, b'hekk, kull bejgħ domestiku jista' jintuża fil-kalkolu tal-prezz medju għal valur normali għal dawn it-tipi ta' prodotti. Għat-tipi li jifdal ġie użat biss il-bejgħ bi profitt.
- (45) Wara l-iżvelar finali, il-produttur/grupp esportatur li ngħata MET argumenta li l-metodoloġija użata għall-kostruzzjoni tal-valur normali tat-tipi ta' prodotti li mhux rappreżentattivi kif deskritt fil-premessa 42 hawn

fuq, jiġifieri l-użu tal-profitt tat-tranżazzjonijiet bi profitt tat-tipi ta' prodotti kkonċernati jmur kontra t-tifsir tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku. Huwa argumenta wkoll li kienet prassi standard li jintuża profitt medju tat-tranżazzjonijiet kollha bi profitt tat-tipi ta' prodotti kollha fil-kostruzzjoni tal-valur normali għal tip partikolari ta' prodott u li kull bidla lil dik il-prassi kienet tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali.

- (46) Ta' min jinnota li l-metodoloġija deskritta fil-premessa 42 hija konformi mal-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku li jgħid li l-ammonti għall-profitti għandhom ikunu bbażati fuq id-dejta reali li tirrigwarda l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-prodott simili mill-esportatur jew il-produttur. L-użu tal-kelmiet "tal-prodott simili" ma jeskludix id-diviżjoni tal-prodott investigat f'tipi ta' prodotti fejn ikun il-każ. Barra minn hekk, il-każistika applikabbli tad-WTO <sup>(1)</sup>, tipprovdi li l-marġni effettiv tal-profitt stabbilit għat-tranżazzjonijiet fl-andament normali tal-kummerċ tat-tipi rilevanti ta' prodotti li għalihom għandu jinħoloq valur normali, ma jistax jiġi injorat. Innotat ukoll li l-produttur/grupp esportatur ma wriex li t-tranżazzjonijiet tat-tipi ta' prodott li għalihom kellu jinħoloq valur normali għandhom jitqiesu li ma sarux fl-andament ordinarju tal-kummerċ. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li l-metodoloġija deskritta hawn fuq hija ġusta. Tabilħaqq, fil-każijiet fejn il-marġni tal-profitt tal-bejgħ fl-andament normali tal-kummerċ tat-tip ta' prodott ikkonċernat ikun inqas mill-profitt medju ddifferenzjat tal-bejgħ tat-tipi kollha ta' prodotti fl-andament ordinarju tal-kummerċ, jintuża l-marġni tal-profitt il-baxx tat-tip ta' prodott ikkonċernat għall-ħolqien tal-valur normali. It-talba għalhekk għet miċħuda.

#### 3.2. *Determinazzjoni tal-valur normali għall-produtturi/gruppi esportaturi li ma ngħatawx l-MET*

##### (a) *Pajjiż analogu*

- (47) Wara l-iżvelar provviżorju, parti interessata waħda kkomentat li t-Turkija ma għandhiex tintuża bħala pajjiż analogu u ssuġġeriet li tintuża l-Malasja f'dan ir-rigward. Dan il-kumment ma ġie issostanzjat iktar u konsegwentement ma ġie ikkunsidrat.
- (48) Jiġi osservat li wara l-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni (ara hawn fuq) il-fatt li ħjut mhumiex prodotti fit-Turkija ma għadu joħloq ebda ostakolu għall-għażla tat-Turkija bħala pajjiż analogu peress li ma għandu jkun hemm ebda hteġa għall-kostruzzjoni ta' valur normali ta' kwalunkwe mit-tipi ta' prodotti investigati (ara wkoll il-premessi 50 u 51 ta' hawn taħt).

<sup>(1)</sup> Ir-Rapport tal-Bord tad-WTO fit-tilwima: WT/DS337/R of 16 November 2007 (EU Salmon).

(49) B'kunsiderazzjoni ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa definittivament konkluż li t-Turkija għandha tintuża bħala pajjiż analogu f'din il-proċedura.

(b) **Determinazzjoni tal-valur normali**

(50) Wara l-iżvelar provviżorju parti waħda allegat li l-valur normali tal-prodott simili fit-Turkija jista' ma jkunx preċiż, peress li hemm distorsjoni fl-istruttura tal-ispejjeż tal-kumpanija ta' kooperazzjoni Torka. Fil-fatt, l-investigazzjoni stabbiliet li l-kumpanija ta' kooperazzjoni fit-Turkija kellha spejjeż finanzjarji sinifikanti li jistgħu jkunu qed iwasslu għal distorsjoni fil-kalkolu tal-valur normali, b'mod partikolari meta jiġi konstruwt.

(51) Konsegwentement, sabiex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni possibbli fil-kalkolu, ġie deċiż li t-tipi ta' prodotti jiġu raggruppati u li ssir distinzjoni biss tal-karatteristiċi tal-prodott prinċipali. Dan ir-raggruppar żied il-komparabbiltà f'termini ta' bejgħ bejn il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili Tork u ppermetta li jintużaw il-prezzijiet attwali bid-differenza ta' valur normali konstruwt fejn ikollhom jintużaw bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi (potenzjalment mgħawġa mill-ispejjeż finanzjarji).

**4. Prezz ta' esportazzjoni u tqabbil tal-prezzijiet**

(52) Fin-nuqqas ta' xi kummenti, il-kontenut tal-premessi 48 sa 50 tar-Regolament provviżorju jirrigwarda l-istabbiliment ta' prezz ta' esportazzjoni u l-paragun tal-prezzijiet ta' esportazzjoni mal-valur normali korrispondenti huwa hawnhekk ikkonfermat definittivament.

**5. Marġnijiet tad-dumping**

(53) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kummenti, il-kontenut tal-premessi 51 sa 54 tar-Regolament provviżorju dwar il-metodoloġija ġenerali għall-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping huwa ikkonfermat definittivament.

(54) Fid-dawl tal-bidliet imsemmija hawn fuq fil-kalkolu tal-valuri normali, u wara korrezzjoni ta' xi żbalji fil-kalkolu, l-ammont ta' dumping finalment iddeterminat, espress bħala perċentwali tal-prezz CIF nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, huwa kif ġej:

Tabella 1

Marġnijiet tad-dumping	
Changzhou New Changhai Fiberglass Co., Ltd. u Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd., Tangqiao, Yaoguan Town, Changzhou City, Jiangsu	9,6 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw	29,7 %

**E. DANNU**

(55) Għandu jiġi osservat li, wara l-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott (ara l-premessi 13 sa 23 hawn fuq), l-analiżi tad-danni kellha tiġi adattata għat-tliet tipi ta'

prodotti ewlenin: ħjut mibruma, swiegel imqattgħa u twapet. Dan wassal għall-ħtieġa ta' analiżi ta' xi indikaturi ta' ħsara, il-volum tal-importazzjonijiet oġġetti ta' dumping, kif ukoll il-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz u l-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu.

**1. Industrija tal-Unjoni**

(56) Fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u r-rappreżentattività tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni, ma waslu ebda kummenti jew talbiet ġodda. Fid-dawl ta' dan, u l-fatt li t-tip tal-prodott eskluż mill-ambitu tal-prodott, jiġifieri l-ħjut, irrappreżenta proporzjon limitat ta' produzzjoni u bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni, il-konklużjonijiet fil-premessi 56 sa 58 tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

**2. Konsum fl-Unjoni**

(57) Fir-rigward tal-konsum fl-Unjoni, għandu jiġi osservat li, kif imsemmi fil-premessa 55 ta' hawn fuq, l-esklużjoni ta' wieħed mill-erba' tipi ta' prodotti ewlenin jiġifieri l-ħjut mill-ambitu tal-prodott rriżultaw f'analiżi tal-volumi tal-konsum tal-Unjoni.

(58) Fid-dawl tar-reviżjoni ta' hawn fuq, il-konsum tal-Unjoni totali żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 2

Konsum fl-Unjoni				
	2006	2007	2008	PI
Unitajiet (tunnellati)	903 351	944 137	937 373	697 128
Indiċjati	100	105	104	77

(59) It-tendenza tal-konsum ta' hawn fuq hija simili għat-tendenza osservata għall-prodott investigat kif definit fir-Regolament provviżorju, jiġifieri żieda ta' madwar 5 % fl-2007-2008 u mbagħad nuqqas sinifikanti ħafna, bi 23 % fil-PI meta mqabbel mal-2006.

**3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

(60) Fid-dawl tal-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott, id-dejta tal-importazzjoni kellha tiġi riveduta.

(61) Parti interessata waħda allegat li l-importazzjonijiet mir-RPĊ li ġejjin minn produtturi relatati mal-industrija tal-Unjoni kellhom jiġu esklużi mill-importazzjonijiet ikkonċernati.

(62) F'dan ir-rigward jiġi l-ewwel mfakkar li, kif diġà ssemma fil-premessa 58 tar-Regolament provviżorju, matul il-PI, il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ tal-produtturi inklużi fil-kampjun biss irrappreżenta inqas minn 4 % ta' importazzjonijiet Ċiniżi totali. Dan jibqa' ma jinbidilx wara l-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott.



(63) Minħabba li żewġ produtturi biss tal-Unjoni importaw il-prodott ikkonċernat mir-RPĊ matul il-PI, il-volum preċiż ta' dawn l-importazzjonijiet ma jstax jiġi żvelat minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Fi kwalunkwe każ, anki kieku l-ammont ta' dawn l-importazzjonijiet ġew imnaqqsa għal kull sena tal-perjodu kkunsidrat, it-tendenza tal-volumi ta' importazzjoni u l-ishma tas-suq jibqgħu sostanzjalment l-istess. Is-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet oġġetti ta' dumping ikun inqas, għalkemm biss b'inqas minn punt perċentwali wieħed f'kull sena tal-perjodu kkunsidrat, u b'hekk ma jaffettwax it-tendenza globali matul il-perjodu kkunsidrat.

(64) Wara l-esklużjoni tal-ħjut, id-dejta ta' importazzjoni riveduta hija kif ġej:

(a) Volumi

Tabella 3

Importazzjonijiet mir-RPĊ (volumi)				
	2006	2007	2008	PI
Unitajiet (tunnellati)	71 061	110 641	132 023	98 723
Indiċjati	100	156	186	139

(b) Sehem tas-suq

Tabella 4

Importazzjonijiet mir-RPĊ (sehem tas-suq)				
	2006	2007	2008	PI
Sehem tas-suq (%)	7,9 %	11,7 %	14,1 %	14,2 %
Indiċjati	100	149	179	180

(65) Wara dawn il-bidliet, it-tendenzi osservati fl-istadju provviżorju li jikkonċernaw il-volumi tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat inbidlu biss b'mod limitat. Madankollu, iż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet, kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi tibqa' sostanzjali. Dawn l-importazzjonijiet żdiedu malajr ħafna matul il-perjodu kkunsidrat, speċjalment bejn l-2006 u l-2008 (b'86 %), wara li kien hemm tnaqqis fl-importazzjonijiet Ċiniżi minħabba t-tnaqqis ġenerali fid-domanda. Madankollu, is-sehem tas-suq ta' dawn l-importazzjonijiet baqgħu jiżdiedu bejn l-2008 u l-PI u żdied matul il-perjodu kollu b' 6,3 punti perċentwali.

(c) Evoluzzjoni tal-prezz

(66) Wara l-esklużjoni tal-ħjut, il-prezz CIF medju ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat naqas b'mod sinifikanti (b'madwar 3 %):

Tabella 5

Importazzjonijiet mir-RPĊ (prezzijiet)				
	2006	2007	2008	PI
Prezz medju/tunnellata (EUR)	901	907	945	909
Indiċjati	100	101	105	101

(67) Madankollu, it-tabella ta' hawn fuq turi li t-tendenza tal-prezzijiet sostanzjalment stabbli matul il-perjodu kkunsidrat ma nbidlitx, u għaldaqstant, il-konklużjoni rigward it-tendenza tal-prezz għal dawn l-importazzjonijiet kif stabbilita fir-Regolament provviżorju tista' tiġi kkonfermata.

(d) Twaqqigħ tal-prezz

(68) Fir-rigward tal-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezzijiet, il-marġnijiet provviżorji kellhom jiġu riveduti billi l-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott ħtieġet l-eliminazzjoni tal-bejgħ korrispondenti mill-kalkoli tal-ħsara.

(69) Barra minn hekk, kif sar fl-aspett tad-dumping tal-investigazzjoni (ara l-premessi 50 u 51 hawn fuq) ġie deċiż li t-tipi ta' prodott jiġu raggruppati u li jiġu distinti biss il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott. Dan irriżulta f'żieda fil-volum ta' importazzjonijiet Ċiniżi inkluż fit-tqabbil mal-bejgħ tal-prodott simili manifatturat mill-industrija tal-Unjoni, u b'hekk ġiet żgurata rappreżentattività aħjar tal-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz.

(70) Fl-aħħarnett, ġie applikat aġġustament għall-ispejjeż wara l-importazzjoni, peress li dawn l-ispejjeż huma indispensabbli għall-bejgħ tal-prodott ikkonċernat.

(71) Wara l-bidliet fil-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz minħabba (i) l-esklużjoni tal-ħjut, (ii) ir-raggruppar tat-tipi ta' prodotti, u (iii) l-aġġustament għall-ispejjeż wara l-importazzjoni, il-marġnijiet riveduti tat-twaqqigħ fil-prezz jammontaw sa 18,2 %, filwaqt li t-twaqqigħ tal-prezz medju huwa 10,9 %. Il-bidliet ta' hawn fuq ġew applikati wkoll għall-kalkolu tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu — ara l-premessa 134 ta' dan ir-Regolament.

(72) Minbarra l-bidliet imsemmija hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe talba jew kummenti oħra, il-konklużjonijiet fil-premessi 61 sa 65 tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

#### 4. Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

##### 4.1. Reviżjoni tal-indikaturi tad-dannu minħabba l-esklużjoni tal-ħjut

(73) L-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott wasslet għall-ħtieġa tal-aġġustament ta' ċerti tabelli fit-Taqsima D.4 tar-Regolament provviżorju. Barra minn hekk, kellha ssir

korrezzjoni minuri għad-dejta tal-bejgħ ta' wieħed mill-produtturi inkluż fil-kampjun. Għandu jiġi osservat li kien hemm biss preżenza relattivament limitata ta' ħjut fil-produzzjoni u bejgħ tal-produtturi inklużi fil-kampjun. Għalhekk, l-aktar li ġew milquta minn dawn l-aġġustamenti kienu l-indikaturi fuq il-bażi tal-produtturi kollha tal-Unjoni (volumi tal-bejgħ u sehem tas-suq). B'mod iktar limitat, il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi inklużi fil-kampjun ġew affettwati wkoll. Madankollu, it-tendenzi osservati, anke għal dawn l-indikaturi, jibqgħu sostanzjalment l-istess meta mqabbla mas-sejbiet fir-Regolament provviżorju, kif juru t-tabelli ta' hawn taħt. Fid-dawl tal-preżenza limitata ta' ħjut fil-kampjun tal-produtturi, l-indikaturi finanzjarji (profittabilità, redditu fuq l-investment (ROI), likwidità u investimenti) ma ġew affettwati mill-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott. Għal raġunijiet ta' trasparenza, it-tabelli kollha li jikkonċernaw l-indikaturi tad-dannu mniżżla fit-Taqsima D4 tar-Regolament provviżorju huma murija hawn taħt, inklużi dawk mhux mibdula.

- (74) Peress li l-iżvilupp fil-volumi tal-produzzjoni tal-produtturi inklużi fil-kampjun, meta mqabbel maċ-ċifri pprovduti fir-Regolament provviżorju, kien affettwat biss b'mod limitat ħafna (żieda ta' 1 % għall-2008 u l-PI) mill-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott, il-konklużjoni fil-premessa 67 tar-Regolament provviżorju hija hawnhekk ikkonfermata.

Tabella 6

Industrija tal-Unjoni — il-produzzjoni				
Produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Unitajiet (tunnellati)	488 335	503 711	498 739	310 257
Indiċjati	100	103	102	64

- (75) Iċ-ċifri tal-kapaċità ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni ġeneralment tnaqqsu bl-esklużjoni tal-ħjut, iżda dan ma għandu ebda effett fuq it-tendenza u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, il-konklużjoni fil-premessa 69 tar-Regolament provviżorju hi hawnhekk ikkonfermata.

Tabella 7

Industrija tal-Unjoni — kapaċità ta' produzzjoni				
Produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Kapaċità (tunnellati)	567 067	567 822	580 705	506 509
Indiċjati	100	100	102	89
Utilizzazzjoni tal-kapaċità (%)	86 %	89 %	86 %	61 %
Indiċjati	100	103	100	71

- (76) Peress li l-iżvilupp tal-ħażniet tal-produtturi inklużi fil-kampjun, meta mqabbla maċ-ċifri pprovduti fir-Regola-

ment provviżorju, kien affettwat biss b'mod limitat ħafna (żieda ta' 1 % għall-2007, 2008 u l-PI) bl-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott, il-konklużjoni fil-premessa 70 tar-Regolament provviżorju hi hawnhekk ikkonfermata.

Tabella 8

Industrija tal-Unjoni — ħażniet				
Produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Unitajiet (tunnellati)	87 603	72 282	122 926	81 485
Indiċjati	100	83	140	93

- (77) Għalkemm, kif mqabbel mal-volumi tal-bejgħ rappurtati fir-Regolament provviżorju, it-tnaqqis mill-2006 fil-volumi tal-bejgħ huwa 1 % aktar b'saħħtu fl-2007 u l-2008 u 3 % inqas evidenti fil-PI, il-volumi tal-bejgħ xorta naqsu b'27 % matul il-perjodu kkunsidrat u l-konklużjonijiet fil-premessa 71-72 huma, għalhekk, ikkonfermati hawnhekk.

Tabella 9

L-industrija tal-Unjoni — bejgħ fl-UE (volumi)				
Il-produtturi kollha tal-UE	2006	2007	2008	PI
Unitajiet (tunnellati)	689 541	683 861	654 956	501 519
Indiċjati	100	99	95	73

- (78) Wara l-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott, is-sehem tas-suq tal-UE tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 76,3 % għal 71,9 % (meta mqabbel ma' minn 75,1 % għal 69,5 %). Il-konklużjonijiet fil-premessa 73 tar-Regolament provviżorju dwar is-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni huma għalhekk konfermati.

Tabella 10

Industrija tal-Unjoni — sehem tas-suq tal-UE				
Il-produtturi kollha tal-UE	2006	2007	2008	PI
Sehem tas-suq tal-UE (%)	76,3 %	72,4 %	69,9 %	71,9 %
Indiċjati	100	95	92	94

- (79) F'dak li jirrigwarda l-prezzijiet tal-bejgħ medji, l-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott irriżulta fi prezzijiet medji tal-bejgħ kemmxejn aktar baxxi. It-tendenza madankollu hija identika għat-tendenza tal-prezz tal-bejgħ irrappurtat fir-Regolament provviżorju (iċ-ċifri huma 1 % ogħla biss għall-2008 u l-PI) u l-konklużjonijiet fil-premessa 74 ta' dak ir-Regolament huma, għalhekk ikkonfermati hawnhekk.

Tabella 11

Industrija tal-Unjoni — bejgħ fl-UE (prezzijiet medji)				
Produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
EUR/Tunnellata	1 163	1 154	1 181	1 147
Indiċjati	100	99	102	99

- (80) Iċ-ċifri dwar l-impjeg tal-produtturi tal-Unjoni ġew aġġustati biex jeskludu l-produzzjoni tal-ħjut. It-tnaqqis relattivament żgħir fin-numri ma biddilx it-tendenza (ċifri 1 % biss ogħla għall-2008 u l-PI), għalhekk, il-konklużjonijiet fil-premessa 75 tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

Tabella 12

Industrija tal-Unjoni — l-impjeg				
Produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Numru ta' impjegati	4 050	3 851	3 676	3 275
Indiċjati	100	95	91	81

- (81) Il-produttività tal-industrija tal-Unjoni ma ġietx affettwata mill-esklużjoni tal-ħjut u l-konklużjonijiet fil-premessa 76 tar-Regolament provviżorju għalhekk jistgħu jiġu kkonfermati.

Tabella 13

L-industrija tal-Unjoni — produttività				
Produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Tunnellati/impjegat	121	131	136	95
Indiċjati	100	108	113	79

- (82) Kif diġà ssemma fil-premessa 73 hawn fuq, minħabba l-preżenza limitata tal-ħjut fil-kampjun tal-produtturi, l-indikaturi finanzjarji elenkati hawn taħt ma ġewx affettwati bl-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott:

- (83) L-ispejjeż tax-xogħol fis-sens tal-pagi medji annwali mhumiex affettwati bl-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott u l-konklużjonijiet fil-premessa 77 tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

Tabella 14

L-industrija tal-Unjoni — l-ispejjeż tax-xogħol				
Produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Pagi annwali (EUR)	42 649	43 257	43 991	41 394
Indiċjati	100	101	103	97

- (84) Il-profitabilità u r-ROI huma affettwati bl-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott u l-konklużjonijiet fil-premessa 78-81 tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

Tabella 15

L-industrija tal-Unjoni — profitabilità u ROI				
Produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Profitt nett (bħala % tal-fatturat)	0,3 %	4,7 %	3,5 %	- 15,0 %
ROI	2,5 %	6,2 %	3,0 %	- 16,8 %

- (85) Is-sitwazzjoni tal-likwidità tal-industrija tal-Unjoni mhix affettwata bl-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott u l-konklużjoni fil-premessa 83 tar-Regolament provviżorju hija għalhekk ikkonfermata hawnhekk.

Tabella 16

L-industrija tal-Unjoni — likwidità				
Produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Likwidità (EUR)	34 261 986	17 230 139	7 452 912	- 22 001 723
Indiċjati	100	50	22	- 64

- (86) Il-livell tal-investimenti tal-industrija tal-Unjoni mhux affettwat mill-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott u l-konklużjonijiet fil-premessa 85 tar-Regolament provviżorju huma għalhekk ikkonfermati hawnhekk.

Tabella 17

L-industrija tal-Unjoni — investimenti				
Produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Investimenti netti (EUR)	40 089 991	20 804 311	43 613 463	28 387 044
Indiċjati	100	52	109	71

#### 4.2. Kummenti li waslu wara l-iżvelar tas-sejbiet provviżorji

- (87) Parti interessata waħda qalet li l-Kummissjoni kellha tana-lizza d-dannu (u l-kawżalità wkoll) fuq bażi ta' segment speċifiku, jiġifieri għal kull wieħed mit-tipi ta' prodotti ewlenin separatament. Din il-parti kkunsidrat li t-tipi ta' prodotti prinċipali kienu wisq differenti minn xulxin biex jiġu analizzati bħala entità sħiħa.
- (88) L-ewwel nett għandu jiġi mfakkar li kwalunkwe konklużjoni dwar dumping u dannu tista' ssir biss għall-prodott ikkonċernat u l-prodott simili fit-totalità tagħhom. Jekk jeżistu talbiet dwar id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, dawn għandhom jiġu analizzati f'dak il-kuntest u ma għandhomx jirriżultaw f'analiżi separata tad-dannu skont it-tipi ta' prodotti differenti koperti mill-investigazzjoni. Kif imsemmi fil-premessi 13 sa 23 hawn fuq, l-ambitu tal-prodott ta' din l-investigazzjoni ġie emendat fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni bl-esklużjoni tal-ħjut. Kwalunkwe konklużjoni dwar id-dumping u d-dannu tista' ssir biss fuq dan il-prodott definit ġdid ikkonċernat u l-prodott simili fit-totalità tagħhom. Għal dawn ir-raġunijiet it-talba ta' hawn fuq ma tistax tiġi aċċettata.
- (89) L-istess parti interessata argumentat li d-dejta ppreżentata għall-industrija tal-Unjoni ma kinitx koerenti. B'mod partikolari, hija kkunsidrat li l-Kummissjoni żbaljat meta xi kultant ipprovdiet dejta mill-industrija kollha tal-Unjoni filwaqt li f'okkażjonijiet oħra kienet ġiet użata d-dejta vverifikata mill-produtturi inklużi fil-kampjun biss.
- (90) Fir-rigward ta' din it-talba, l-ewwel nett għandu jiġi osservat li t-teħid tal-kampjuni hija proċedura stipulata espressament fl-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, biex tittratta każijiet fejn ma jkunx possibbli li jiġu investigati ċerti gruppi ta' operatori ekonomiċi fid-dettall. Il-kampjun magħżul ta' produtturi tal-Unjoni ġie meqjus bħala rappreżentant tal-industrija kollha tal-Unjoni u ma ġew sottomessi l-ebda talbiet sostanzjati li jiddikjaraw l-oppost ta' dak li ġie sottomess mill-partijiet interessati. Għalhekk, kif diġà ssemma fil-premessa 66 tar-Regolament provviżorju, l-indikaturi kollha tad-dannu, hlied dawk li jikkonċernaw il-volum tal-bejgħ u sehem tas-suq, ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura u vverifikata fil-bini tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni li jinkludi l-produtturi kollha tal-Unjoni kien prerekwiżit għall-kalkolu tal-konsum tal-Unjoni, u għalhekk kemm il-volum tal-bejgħ u l-konsum Unjoni kienu meħtieġa għad-determinazzjoni tas-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni.
- (91) Parti interessata argumentat li l-importazzjonijiet mir-RPĊ minn produtturi relatati mal-produtturi tal-Unjoni nklużi fil-kampjun, kif imsemmi fil-premessa 58 tar-Regolament provviżorju, kellhom jiżiedu mal-bejgħ tal-produtturi kkonċernati.
- (92) Peress li l-prodotti inkwistjoni jerġgħu jinbiegħu biss mill-produtturi kkonċernati tal-Unjoni, iż-żieda ta' dawn l-importazzjonijiet mal-volum tal-bejgħ jikkawża interferenza fl-istampa u għalhekk ma tidhirx li hija ġustifikata. Fi kwalunkwe każ, kif diġà ġie ddikjarat fil-premessi 62 u 63 hawn fuq, il-volum ta' dawn l-importazzjonijiet huwa limitat. Kif imsemmi fl-istess premessi ta' hawn fuq, l-ishma tas-suq ukoll ikunu affettwati biss b'mod minimu mingħajr ma jinbidlu t-tendenzi tal-indikaturi relatati mad-dannu.
- (93) Parti interessata waħda semmiet li l-Kummissjoni ma kinitx spjegat għalfejn l-bejgħ għal użu vinkolanti kien ġie inkluż fiċ-ċifri tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Hija sostniet li l-Kummissjoni messha analizzat is-suq vinkolanti indipendentement mis-suq ħieles.
- (94) F'dan ir-rigward huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-bejgħ għall-użu vinkolanti ġie inkluż fl-analiżi tal-volumi tal-bejgħ u s-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni peress li rriżulta li dan il-bejgħ ikkompetat mal-importazzjonijiet. Fil-fatt, l-investigazzjoni kienet stabbiliet li l-kwantitajiet użati għall-użu vinkolanti, mill-kumpaniji kkonċernati fl-Unjoni, jistgħu bħala prinċipju jiġu sostitwiti minn fibri tal-ħġieġ mixtrija, eż. jekk iċ-ċirkostanzi tas-suq u/jew kunsiderazzjonijiet finanzjarji jwasslu għal bidla bħal din. Għalhekk, dawn ġew inklużi fl-analiżi tas-suq tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, kieku l-bejgħ intern kellu jiġi eskluż mill-analiżi, it-tendenzi fil-bejgħ ma juru l-ebda tibdiliet sostantivi.
- (95) L-industrija tal-Unjoni kkontestat il-prezzijiet tal-bejgħ medji tal-Unjoni tal-industrija tal-Unjoni kif inhuma mqassra fit-tabella 10 tar-Regolament provviżorju. Hija ssuspettat li kien hemm żball fil-kalkolu u sostniet li, fir-realtà, it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ matul il-perjodu kkunsidrat kien aktar sinifikanti mit-2 % irrappurtat. Fid-dawl ta' din l-allegazzjoni, il-kalkolu tal-prezzijiet medji tal-bejgħ Unjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ġie rivedut. Il-kalkolu kien ibbażat fuq prezzijiet

tal-bejgħ ivverifikati u rriżulta li kien preċiż. Madankollu, fid-dawl tal-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott, il-prezzijiet medji tal-bejgħ kellhom jergħu jiġu kkalolati billi jiġu esklużi l-ħjut u l-prezzijiet riveduti tal-bejgħ medji huma rrapportati fit-Tabella 11 ta' hawn fuq.

- (96) Tnejn mill-produtturi inklużi fil-kampjun ikkontestaw fit mill-aġġustamenti li saru fuq iċ-ċifri ta' profittabbiltà sottomessi tagħhom. L-aġġustamenti kkontestati rreferew għal trasferimenti bejn l-istess kumpanija, tibdil fil-kontabbiltà u ċerti elementi straordinarji li ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni biex jgħawwġu bla bżonn iċ-ċifri ta' profitt li jirriżultaw. L-aġġustamenti ġew ikkontestati peress li l-produtturi kkonċernati kkunsidraw li l-ispejjeż importanti kkonsegwentement ma kinux murija, għalkemm huma kienu ġew sostnuti u fxi każijiet jistgħu anke jiġu marbuta mal-importazzjonijiet oġġetti ta' dumping. L-aġġustamenti li kienu saru fuq iċ-ċifri ta' profittabbiltà taż-żewġ kumpaniji ġew riveduti u għal darb'oħra rriżulta li kienu ġġustifikati. Din it-talba, għalhekk, kellha tiġi miċħuda.
- (97) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe talba jew kummenti oħra, u bil-modifiki indikati fil-premessi 55 sa 80 ta' hawn fuq, il-konklużjonijiet fil-premessi 66 sa 86 tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

## 5. Konklużjoni dwar id-dannu

- (98) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe talba jew kummenti oħra, il-konklużjonijiet fil-premessi 87 sa 89 fir-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

## F. KAWŻALITÀ

### 1. Effett tal-importazzjonijiet oġġetti ta' dumping

- (99) Xi partijiet tennew it-talba li, fid-dawl tal-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, ma kienx hemm rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet ikkonċernati. B'mod partikolari, ġie ddikjarat għal darb'oħra li l-prezz medju tal-importazzjoni għal dawn l-importazzjonijiet kien

baqa' sostanzjalment stabbli matul il-perjodu kkunsidrat u li l-industrija tal-Unjoni kien imrexxielha żżomm il-profittabbiltà fuq livelli qrib il-profitt immirat imsemmi matul is-snin 2007 u 2008 meta seħħet l-aktar żieda sinifikanti fil-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi.

- (100) Risposta għal dawn it-talbiet kienet diġà inklużi fil-premessi 94 u 95 tar-Regolament provviżorju, li huma hawnhekk ikkonfermati. Barra minn hekk, kif diġà ġie indikat fil-premessa 107 tar-Regolament provviżorju, ma jstax jiġi konkluż li r-rabta kawżali tinqasam sempliċiment fuq il-bażi tal-iżvilupp ta' numru limitat ta' indikaturi ta' danni kkunsidrati għal parti limitata tal-perjodu meqjus; għall-kuntrarju, għandu jiġi vvalutat l-iżvilupp globali tal-indikaturi tad-dannu kollha matul il-perjodu meqjus kollu. L-analiżi provviżorja kienet diġà wriet li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ikkawżaw tnaqqis fil-prezz fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu meqjus u waqqgħu ħafna l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fil-PI. L-industrija Unjoni, għalhekk, ma kinitx f'pożizzjoni li tilħaq il-livelli meħtieġa ta' profittabbiltà, anke f'perjodi ta' domanda relattivament kbira, bħal fis-snin 2007 u 2008. L-importazzjonijiet mir-RPĊ, barra minn hekk, kisbu b'mod konsistenti sehem tas-suq u l-aktar fl-2007, meta s-suq tal-fibri tal-ħġieġ fl-UE kiber b'mod sinifikanti. Din l-istrateġija aggressiva ta' ksib tal-ishma tas-suq permezz tal-bejgħ b'mod konsistenti bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni ma kinitx twassal għal deterjorament serju tal-profittabbiltà fl-industrija tal-Unjoni qabel il-PI biss minħabba l-livelli relattivament għolja ta' konsum tal-Unjoni li taffew l-effetti tad-dumping dannuż. Madankollu, l-iżviluppi matul il-PI jikkonfermaw li malli l-kondizzjonijiet tas-suq iddeterjoraw, id-dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet oġġetti ta' dumping wera l-effetti tiegħu kollha. It-talbiet imsemmija fil-premessa 99 hawn fuq huma għalhekk miċħuda.

### 2. Effetti ta' fatturi oħra

- (101) Fid-dawl tal-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott, id-dejta tal-importazzjoni kellha tiġi riveduta kif ġej:

Tabella 18

Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra					
Pajjiż		2006	2007	2008	PI
Norveġja	Volumi (tunnellati)	34 945	28 834	35 396	24 980
	Sehem tas-suq (%)	3,9 %	3,0 %	3,8 %	3,6 %
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	1 255	1 412	1 359	1 256
Turkija	Volumi (tunnellati)	28 946	24 928	20 511	18 523
	Sehem tas-suq (%)	3,2 %	2,6 %	2,2 %	2,6 %
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	1 088	1 151	1 202	1 074
Istati Uniti	Volumi (tunnellati)	16 757	15 821	12 145	8 726
	Sehem tas-suq (%)	1,8 %	1,7 %	1,3 %	1,2 %



Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra					
Pajjiż		2006	2007	2008	PI
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	1 521	1 421	2 056	2 012
Malasja	Volumi (tunnellati)	9 541	25 569	35 118	12 601
	Sehem tas-suq (%)	1,1 %	2,7 %	3,7 %	1,8 %
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	979	1 019	1 021	1 025
Tajwan	Volumi (tunnellati)	9 043	9 919	8 791	6 996
	Sehem tas-suq (%)	1,0 %	1,0 %	0,9 %	1,0 %
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	928	925	928	854
Indja	Volumi (tunnellati)	4 363	11 227	3 741	5 353
	Sehem tas-suq (%)	0,5 %	1,2 %	0,4 %	0,8 %
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	1 304	1 228	1 292	1 230
Rep. tal-Korea	Volumi (tunnellati)	6 277	4 845	13 918	5 112
	Sehem tas-suq (%)	0,7 %	0,5 %	1,5 %	0,7 %
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	1 037	1 109	886	999
Ġappun	Volumi (tunnellati)	21 142	9 498	9 949	3 710
	Sehem tas-suq (%)	2,3 %	1,0 %	1,1 %	0,5 %
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	1 125	1 164	1 336	1 580
Messiku	Volumi (tunnellati)	1 017	2 977	1 803	1 763
	Sehem tas-suq (%)	0,1 %	0,3 %	0,2 %	0,3 %
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	364	729	977	1 033
Kanada	Volumi (tunnellati)	3 930	3 096	2 123	2 029
	Sehem tas-suq (%)	0,4 %	0,3 %	0,2 %	0,3 %
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	1 047	1 664	1 711	1 919
Pajjiżi Oħra	Volumi (tunnellati)	6 787	12 923	6 899	7 092
	Sehem tas-suq (%)	0,7 %	1,4 %	0,7 %	1,0 %
	Prezz medju/tunnellata (EUR)	1 521	1 402	1 635	1 586

(102) Minbarra l-volumi ta' importazzjoni mill-USA u t-Tajwan, li naqsu b'madwar 35 % (PI) meta mqabbla mal-volumi rrapportati fit-tabella 17 tar-Regolament provviżorju, l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra jidhru li huma influwenzati biss b'mod moderat ħafna bl-esklużjoni tal-ħjut.

(103) Diversi partijiet interessati tennew li l-kriżi ekonomika aktar milli l-importazzjonijiet oġġetti tad-dumping kienu kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni - jew, alternattivament, li l-kriżi ekonomika kienet il-kawża prinċipali tad-dannu filwaqt li l-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu bħala l-iktar każ biss fattur sekondarju, addizzjonali. F'dan ir-rigward ġie argumentat li kien hemm korrelazzjoni bejn il-konsum u l-profitabilità u li l-profitabilità naqset biss meta d-domanda ddeterjorat. Fl-istess

ħin, ġie allegat, li ma jkun hemm l-ebda korrelazzjoni bejn is-sehem tas-suq tal-UE, il-prezzijiet tal-bejgħ u l-profitabilità tal-industrija tal-Unjoni, fuq naħa waħda u s-sehem tas-suq tal-UE u prezzijiet tal-bejgħ tal-importazzjonijiet Ċiniżi fuq in-naħa l-oħra. Intqal ukoll li l-Kummissjoni ma kinitx tivvaluta sew l-effetti dannużi tat-tnaqqis fil-konsum tal-UE u konsegwentement a-ġixxiet kontra l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku.

(104) L-ewwel parti tal-pretensjoni ta' hawn ġiet trattata b'mod estensiv fil-premessi 99-102 tar-Regolament provviżorju. Fil-fatt, l-impatt tal-kriżi ekonomika fid-dannu ġie eżaminat u huwa rikonoxxut fil-premessa 101 tar-Regolament provviżorju li l-tnaqqis ekonomiku u l-kontrazzjoni fid-domanda kellhom effett negattiv fuq l-istat

tal-industrija tal-Unjoni u li, bħala tali, dan ikkontribwixxa għad-dannu li sostniet l-industrija tal-Unjoni. Madankollu, dan ma jnaqqasx l-effett dannuż ta' ħsara tal-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet baxxi oġġetti tad-dumping fuq is-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Fi kliem ieħor, il-kriżi ekonomika matul il-PI aggravat id-dannu lill-industrija tal-Unjoni iżda importazzjonijiet mir-RPĊ ċertament ikkawżaw id-dannu meġjus materjali fis-sens tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku. Din it-talba għalhekk ġiet miċħuda.

### 3. Konklużjoni dwar il-kawżalità

- (105) L-ebda wieħed mill-argumenti mressqa mill-partijiet interessati ma juri li l-impatt ta' 'fatturi oħra għajr l-importazzjonijiet oġġetti tad-dumping mill-PRC huwa tali li jikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġetti ta' dumping u l-ħsara misjuba. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kummenti oħra li kienu għadhom ma ġewx indirizzati, huwa konkluż li l-importazzjonijiet oġġetti tad-dumping mir-RPĊ ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.
- (106) Il-konklużjonijiet dwar il-kawżalità fir-Regolament provviżorju, kif mqassra fil-premessi 117-119 tiegħu, huma hawnhekk ikkonfermati.

## G. L-INTERESS TAL-UNJONI

- (107) Fid-dawl tal-kummenti tal-partijiet, il-Kummissjoni wettqet analiżi ulterjuri tal-argumenti kollha li jappartjenu lill-interess tal-Unjoni.

### 1. Interess tal-industrija tal-Unjoni

- (108) L-ilmentaturi tennew li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping kienet essenzjali għall-industrija tal-Unjoni li tibqa' tkun vijabbli u topera fil-ġejjieni, peress li d-deterjorazzjoni tal-prezzijiet ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġetti tad-dumping mir-RPĊ kienet affettwat il-bejgħ, il-profittabilità u l-kapaċità li tinvesti tal-industrija tal-Unjoni b'mod sever. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment speċifiku ieħor dwar dan il-punt, il-premessi 122 sa 126 tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

### 2. Interess ta' importaturi mhux relatati fl-Unjoni

- (109) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment speċifiku fuq dan il-punt, il-premessi 127 u 128 tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

### 3. Interess tal-utenti

- (110) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, għadd ta' utenti u assoċjazzjonijiet ta' utenti li ma kinux magħrufa fl-istadju provviżorju, ippreżentaw lilhom infushom u sottomettew kummenti.

- (111) Ħafna utenti tennew kummenti ġenerali dwar xi wħud mill-kwistjonijiet li kienu diġà analizzati fir-Regolament provviżorju, mingħajr ma pprovdew informazzjoni ġdida f'dan ir-rigward jew evidenza addizzjonali biex jissostanzjaw dawn it-talbiet. Dwar xi kwistjonijiet oħra, madankollu, inkisbet u sussegwentement ġiet analizzata informazzjoni ġdida.

- (112) Diversi partijiet interessati argumentaw li l-kooperazzjoni miksuba mill-utenti ma kinitx tirrappreżenta l-komplessità tas-settur u li ħafna mill-utenti kienu kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li s-sitwazzjoni u l-fehmiet tagħhom ġew ittraskurati fl-analiżi tal-interess tal-Unjoni.

- (113) F'dan ir-rigward, l-ewwel nett għandu jiġi mfakkar li 13-il utent issottomettew risposta fi kwestjonarju u diversi utenti oħra sottomettew, barra minn hekk, kummenti. Barra minn hekk, diversi assoċjazzjonijiet li jaġixxu fisem l-utenti sottomettew kummenti. Ħafna minn dawn il-partijiet interessati ppreżentaw il-fehmiet tagħhom ukoll f'seduta. Wara l-aġġustament tan-numru skont l-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott, l-utenti ta' kooperazzjoni ammontaw għal madwar 24 % tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Din il-kooperazzjoni hija kkunsidrata rappreżentattiva.

- (114) Madankollu, huwa rikonoxxut li ħafna mill-utenti li mlew kwestjonarju tal-utenti kienu kumpaniji pjuttost kbar. Il-Kummissjoni f'dan ir-rigward tiddependi fuq il-kooperazzjoni eventwalment miksuba. Madankollu huwa kkunsidrat li, permezz tal-kooperazzjoni miksuba minn diversi assoċjazzjonijiet (PlasticsEurope, EuCIA, EUPC, Plastindustrien, BPF), it-tħassib tal-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju kienu tabilħaqq ġew espressi u ġew ikkunsidrati.

- (115) Għadd ta' utenti u assoċjazzjoni kkontestaw l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni rigward in-numru ta' persuni impjegati fl-industrija tal-utenti tal-fibri tal-ħġieġ magħmula fil-premessa 130 tar-Regolament provviżorju. F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li fil-premessa 130 tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni stmat in-numru totali ta' nies li jaħdmu fl-industrija downstream tal-Unjoni ta' kumpaniji li jużaw prodotti tal-fibri tal-ħġieġ, inkluż il-manifattura ta' prodotti downstream ulterjuri, għal madwar 50 000 sa 75 000. Il-partijiet interessati ta' hawn fuq saħqu li dan in-numru jista' jilħaq total ta' bejn il-200 000 u l-250 000 persuna u ntalbu jissostanzjaw dawn l-istimi. Għalkemm assoċjazzjoni waħda, il-European Boating Industry, tat xi ċifri ta' appoġġ dwar l-industrija tal-bini tal-vapuri, ma nġhatatx evidenza konklużiva li kienet torbot dawn iċ-ċifri tal-impjegi mal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili.

- (116) Fi kwalunkwe każ, l-istabbiliment tal-interess tal-utenti tal-fibri tal-ħġieġ fuq dejta ġenerali bħal din, li tinkludi t-total tal-persuni impjegati fil-livelli downstream kollha tal-industrija tal-Unjoni inkluż diviżjonijiet ta' kumpaniji multinazzjonali li ma għandhom l-ebda konnessjoni ma' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ, jaffettwa serjament il-kredibilità tal-analiżi tal-interess tal-Unjoni.

(117) Għandu jiġi mfakkar ukoll li, kif imsemmi fil-premessa 130 tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni smat ukoll in-numru ta' impjegati tal-fibri tal-ħġieġ billi użat diviżjonijiet ta' dawk il-kumpaniji li użaw fibri tal-ħġieġ Ċiniżi matul il-PI, għal madwar 27 000 persuna. Din l-istima kienet ibbażata fuq dejta dettaljata kif ippreżentata mill-utenti fit-tweġibiet tagħhom fil-kwestjonarju speċifikament dwar l-impjieg fl-Unjoni ta' dawk id-diviżjonijiet. L-istima saret permezz ta' aggregazzjoni ta' dawn il-figuri u mbagħad estrapolazzjoni tagħhom kollha lill-importazzjonijiet Ċiniżi kollha tal-prodott ikkonċernat matul il-PI. L-estrapolazzjoni kienet ibbażata fuq is-sehem tal-utenti ta' kooperazzjoni fl-importazzjonijiet Ċiniżi totali tal-prodott ikkonċernat matul il-PI.

(118) Finalment f'dan ir-rigward għandu jiġi osservat ukoll li, wara l-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott, l-istima ta' hawn fuq kellha tiġi riveduta. Ir-reviżjoni rriżultat f'impjieg smat ta' madwar 22 000 persuna.

### 3.1. Impatt tal-ispiża tad-dazju fuq il-profitabbiltà tal-utenti

(119) Diversi utenti sostnew li l-Kummissjoni, fil-premessa 132-136 tar-Regolament provviżorju, kienet issottovalutat l-impatt tad-dazju provviżorju anti-dumping fuq il-profitabbiltà u, għaldaqstant, il-vijabilità tal-industrija tal-utenti Ewropej. Huma sostnew li l-impatt attwali kien ħafna ogħla u li l-livell tad-dazju provviżorju poġġa l-eżistenza ta' ħafna minn dawn in-negozji tal-Unjoni fil-perikolu.

(120) F'dan ir-rigward huwa importanti li wieħed josserva li l-evalwazzjoni ekonomika magħmula fir-Regolament provviżorju kienet ibbażata fuq id-dejta ekonomika ppreżentata mill-utenti li kkooperaw fl-investigazzjoni. Din kienet fil-fatt l-unika informazzjoni verifikabbli disponibbli f'dan ir-rigward. Għalkemm din l-evalwazzjoni ġiet ikkritikata minn għadd kbir ta' utenti, wieħed biss minnhom ressaq informazzjoni addizzjonali li setgħet tintuża sabiex tagħmel l-analiżi iktar preċiża. Fi kwalunkwe każ, il-parti inkwistjoni huwa utent tal-ħjut, u għaldaqstant is-sottomissjoni tiegħu eventwalment ma kinitx ikkunsidrata fl-analiżi tal-impatt tal-ispiża.

(121) Saru talbiet addizzjonali li allegaw li l-impatt fuq l-utenti żgħar u ta' daqs medju huwa akbar minn dak stabbilit. Madankollu, ġiet pprovduta ftit evidenza konkreta f'dan ir-rigward fin-nuqqas ta' kooperazzjoni sħiħa ta' dawn l-utenti. Fil-fatt, l-utenti ta' kooperazzjoni jinkludu xi kumpaniji multinazzjonali li l-effett tad-dazji fuqhom x'aktarx ikun iktar limitat. Madankollu, sabiex dan l-impatt ta' distorzjoni jiġi eskluż fil-kalkolu, fl-istadju definitiv il-Kummissjoni stabbiliet l-impatt medju tal-ispiża għall-fibra tal-ħġieġ biss billi użat diviżjoni tal-utenti ta' kooperazzjoni, minflok il-kumpaniji kollha — ara l-premessa 123 hawn taħt.

(122) Wara l-esklużjoni tal-ħjut mill-ambitu tal-prodott, il-valutazzjoni magħmula fl-istadju provviżorju kellha tiġi rive-

duta billi jiġu eliminati mill-analiżi l-kumpaniji li jużaw ħjut. Barra minn hekk, il-valutazzjoni kienet teħtieġ aktar emendi fil-dawl tal-livelli ta' dazju li għandu jiġi applikat (ara l-premessa 139 hawn taħt).

(123) Fid-dawl tar-reviżjonijiet ta' hawn fuq, l-impatt ikkalkulat tad-dazju għall-industrija tal-utenti għandha tkun bħala medja ta' madwar 0,5 u sa 2,3 punti perċentwali biss fuq il-profit tal-fibra tal-ħġieġ bl-użu tad-diviżjoni tal-utenti. L-impatt għalhekk għandu jkun ħafna iżgħar milli kien antiċipat fl-istadju provviżorju, jekk fil-fatt ikun sinifikanti, peress li huwa improbabli li żieda żgħira fil-prezz bħal dik possibbilment ikkawżata mir-rati tad-dazju stabbiliti minn qabel ma tistax tiġi mgħoddija kompletament jew mill-inqas parzjalment.

(124) Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda l-abbiltà li jgħaddu ż-żidiet fuq il-prezzijiet, inkisbet informazzjoni mill-ilmentatur dwar l-iżvilupp tal-prezz tar-raża, spiża ewlenija oħra għall-utenti u xi kultant anke tirrappreżenta parti prinċipali tal-prezz tal-prodotti komposti finali. Skont din is-sottomissjoni, filwaqt li l-prezz tal-bejgħ tal-fibri tal-ħġieġ (il-prezz għall-utenti) kien jibqa' stabbli għal żmien twil, il-prezz tar-raża kien irdoppja fl-istess perjodu. Iż-żieda fil-prezz tar-raża jerġa' jkun evidenti mill-aħħar tal-2009. Minkejja dawn iż-żidiet fil-prezzijiet sinifikanti ħafna, l-utenti komplew jixtru din il-materja prima ewlenija u jbiegħu l-prodotti finali tagħhom, filwaqt li jibqgħu kompetittivi. Għalhekk huwa probabbli li huma rnexxielhom jgħaddu mill-inqas parti miż-żieda fil-prezz lill-klijenti tagħhom. Jekk din iż-żieda sinifikanti ħafna lill-klijenti, m'hemm l-ebda raġuni għaliex dan ma jistax ikun il-każ b'dazju anti-dumping fuq fibri tal-ħġieġ fil-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu.

(125) Xi partijiet qalu li ċerti utenti inklużi l-gruppi globali huma u/jew se jkunu jċaqilqu l-produzzjoni barra mill-Unjoni u dan jista' joħloq telf ta' impjegati fost l-utenti tal-Unjoni; barra minn hekk, jista' jkun hemm impatt ukoll fuq il-klijenti tal-utenti, kif ukoll fuq il-fabbrikanti tal-plastiks li jipprovdu materjal ukoll lill-utenti tal-fibri tal-ħġieġ fil-produzzjoni ta' materjal kompost. Madankollu, din hija konsegwenza potenzjali tal-impożizzjoni ta' dazji fuq kwalunkwe prodott intermedjarju u mhux biss fuq fibri tal-ħġieġ. Utenti downstream jistgħu japplikaw għal protezzjoni fil-qafas tal-proċeduri ta' anti-dumping kif diġà ġara għal tessuti tal-fibri tal-ħġieġ minsuġa. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe minn dawn l-effetti kif qed jingħad issa jidhru limitati ħafna minħabba l-livelli ta' dazju li għandhom jiġu applikati (ara l-premessa 139 ta' hawn taħt).

(126) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jista' jiġi konkluż li ħadd mill-utenti li kkooperaw fl-investigazzjoni u sottomettew dejta ekonomika li tista' tiġi eżaminata mill-Kummissjoni ma jissograw sopravivenza, bħala konsegwenza taż-żieda fil-prezz ikkawżata mill-miżuri proposti.

### 3.2. Sigurtà tal-provvista

- (127) Diversi utenti tennew it-talba li s-sigurtà tal-provvista fis-suq tal-Unjoni kienet fil-perikolu u li l-miżuri anti-dumping komplew jaggravaw din is-sitwazzjoni. Dawn issostanzjaw it-talba tagħhom b'xi evidenza, li ndikat l-inkapaċità tal-industrija tal-Unjoni biex tiżgura provvista ta' fibri tal-ħġieġ lill-industrija tal-utenti fil-volumi u bil-prezzijiet mitluba. Bl-istess mod, l-aċċenn tal-Kummissjoni li l-kapaċità mhux użata fl-UE kienet sinifikanti biżżejjed biex tissostitwixxi l-importazzjonijiet mir-RPĊ kien ikkunsidrat simplifikat u mhux ġustifikat.
- (128) Il-kwistjoni kompliet ġiet analizzata. Informazzjoni ġdida dwar il-volumi tal-produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità u d-domanda kienet miksuba wkoll mill-ilmentatur. L-informazzjoni hekk miksuba u analizzata kkonfermat li fil-fatt kien hemm ostakolu ta' provvista ta' ċerti prodotti manifatturati mill-industrija tal-Unjoni fl-ewwel nofs tal-2010, minħabba l-iskarsezza fl-istokk minħabba l-irkupru tas-suq wara l-kriżi ekonomika. Sadanittant, madankollu, u b'mod konformi mal-aspettattiva f'dan ir-rigward riflessa fir-Regolament provviżorju (premessi 145-149), iż-żieda fid-domanda tidher li ġiet stabbilizzata u ġiet pprovduta evidenza li l-fornituri tal-UE kienu żiedu b'mod sinifikanti l-produzzjoni immedjatament disponibbli tagħhom matul l-2010. Żidiet ulterjuri fil-kapaċità produttiva tal-industrija tal-Unjoni ġew imħabbra wkoll għat-terminu ta' żmien qasir u medju fit-tul. Barra minn hekk, ġiet sottomessa wkoll prova ta' żieda sinifikanti fil-kapaċità ta' produzzjoni f'diversi pajjiżi produtturi oħra barra mill-Unjoni.
- (129) Id-dejta aġġornata dwar il-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni għall-ħjut kienet inqas rassikuranti u studju indipendenti tas-suq indika wkoll qagħda ta' forniment b'mod ċar inqas favorevoli f'dak li jirrigwarda l-ħjut. Madankollu, peress li l-ħjut ġew esklużi mill-ambitu tal-prodott, din il-kwistjoni ma għandha l-ebda rilevanza ulterjuri.
- (130) Diversi utenti sostnew ukoll li xi produtturi tal-Unjoni kienu żiedu b'mod konsiderevoli l-prezzijiet ta' ċerti prodotti immedjatament qabel il-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju u kienu bdew Prattika li biha tintalab żieda fil-prezzijiet meta kwantitajiet addizzjonali ġew mitluba mill-utenti. Intqal ukoll li xi produtturi tal-Unjoni kienu lesti biss għal sottoskrizzjoni f'kuntratti għal żmien qasir (inqas minn sena 1) għall-kuntrarju tal-prattika preċedenti. Ġiet ipprovduta xi evidenza dwar dan, li ġiet meqjus mill-utenti bħala indikazzjoni tal-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma tkunx f'pożizzjoni biex tipprovidi l-kwantitajiet mitluba mis-suq bi prezzijiet raġonevoli.
- (131) F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, wara l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping, tista' tkun mistennija xi żieda fil-prezzijiet fis-suq Unjoni. Għalhekk, huwa normali li tiġi osservata xi żieda fil-prezzijiet magħmula

mill-produtturi tal-Unjoni. F'dak li jirrigwarda l-kuntratti għal żmien qasir, din hija kwistjoni bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ li mhix neċessarjament marbuta ma' nuqqas temporanju ta' provvista iżda tista' tiġi spjegata permezz ta' ħafna fatturi oħra li jaffettwaw is-suq. Fi kwalunkwe każ, kif diġà ssemma fil-premessa 128 hawn fuq, is-sitwazzjoni fir-rigward tal-provvista tal-fibri tal-ħġieġ tidher li ġiet għan-normal matul is-sena 2010. Għal dawn ir-raġunijiet, it-talbiet ta' hawn fuq huma miċħuda.

### 4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (132) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-konklużjonijiet fil-premessi 150-151 tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati u huwa definnittivament konkluż li, fuq bilanċ, ma jeżistu ebda raġunijiet konvinċenti kontra l-impożizzjoni ta' dazji definnittivi anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ.

### H. MIŻURI DEFINITTIVI

#### 1. Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu

- (133) L-ilmentatur argumenta li l-profit immirat ta' 5 %, kif stabbilit fl-istadju provviżorju, kien eċċessivament baxx u huwa tenna l-fehma li livell ta' bejn 12 % u 15 % kien ikun iktar ġustifikat, minħabba l-fatt li l-industrija tal-fibri tal-ħġieġ titlob investimenti kapitali kbar. Huwa sostna li dan il-livell ogħla ħafna ta' profittabilità jkun meħtieġ biex jiġġenera redditu b'saħħtu fuq il-kapital u jippermetti investimenti ġodda. Madankollu, it-talba ta' hawn fuq ma kinitx sostanzjata b'mod konvinċenti u huwa għalhekk konkluż li għandu jinżamm tal-marġni ta' profit ta' 5 % stabbilit fl-istadju provviżorju.
- (134) F'dak li jirrigwarda l-istabbiliment tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu, kif diġà ntqal fil-premessa 71 hawn fuq, il-bidliet fil-metodoloġija li affettwaw il-kalkolu tat-twaqqiġ fil-prezz — jiġifieri, (i) l-esklużjoni tal-ħjut, (ii) ir-raggruppament tat-tipi ta' prodotti, u (iii) l-aġġustament għall-ispejjeż wara l-importazzjoni, ġew applikati wkoll fil-kalkolu tal-livell tad-dannu.
- (135) Sabiex jiġi eskluż il-ħjut u biex jiġu kkunsidrati l-ispeċifitajiet ta' kull grupp ta' prodotti (ħjut mibruma, swieġel imqattgħa u twapet) fl-analiżi tad-dannu, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni dettaljata finanzjarja sottomessa separatament skont it-tip ta' prodott mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. F'dan ir-rigward, intużat id-dejta finanzjarja separata tal-gruppi ewlenin tal-prodott (ħjut mibruma, swieġel imqattgħa u twapet) minflok id-dejta globali li kienet intużat fil-kalkoli provviżorji u li inkludiet il-ħjut (ara l-premessa 155 tar-Regolament provviżorju). Il-kalkolu li jirriżulta jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni fis-suq u jqis l-ambitu rivedut tal-prodott kif ukoll l-ispeċifitajiet tat-tipi ewlenin tal-prodotti sal-punt possibbli.



- (136) Il-bidliet ta' hawn fuq irriżultaw f'previżjoni konsiderevoli tal-livelli provviżorji ta' eliminazzjoni tad-dannu.

## 2. Miżuri definittivi

- (137) Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, huwa kkunsidrat li, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament bażiku, għandhom jiġu imposti miżuri definittivi anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.
- (138) Peress li l-livelli ta' eliminazzjoni tad-dannu huma issa aktar baxxi mill-marġni tad-dumping stabbiliti, il-miżuri definittivi għandhom jiġu bbażati fuq il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu.
- (139) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rata tad-dazju, espressa bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, dazju doganali mhux imħallas, huwa kif ġej:

Produttur esportatur	Dazju anti-dumping propost (%)
Changzhou New Changhai Fiberglass Co., Ltd. u Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd., Tangqiao, Yaoguan Town, Changzhou City, Jiangsu	7,3
Il-kumpaniji l-oħra kollha	13,8

- (140) Ir-rata tad-dazju anti-dumping ta' kumpanija individwali speċifikata f'dan ir-Regolament kienet stabbilita fuq il-bażi tar-riżultati ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dan tirrifletti s-sitwazzjoni li nstabiet matul dik l-investigazzjoni fir-rigward tal-kumpanija kkonċernata. Din ir-rata tad-dazju (għall-kuntrarju tad-dazju fil-pajjiż kollu applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha) hija għaldaqstant esklussivament applikabbli għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat u magħmula mill-kumpanija msemmija. Prodotti importati magħmula minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament b'isimha u l-indirizz, inklużi entitajiet relatati ma' daww imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn din ir-rata u għandhom ikunu suġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha".
- (141) Kwalunkwe talba li titlob li tiġi applikata din ir-rata ta' dazju anti-dumping ta' kumpanija individwali (eż. wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew ta' bejgħ) għandha tiġi indirizzata minnufih lill-Kummissjoni<sup>(1)</sup> bl-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari kwalunkwe tibdil fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, bejgħ domestiku u esportat assoċjati ma', pereżempju, dik il-bidla fl-isem jew il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ. Jekk xieraq, ir-Regolament imbagħad jiġi

emendat kif xieraq billi tiġi aġġornata r-referenza għall-kumpanija li tibbenefika minn rata ta' dazju individwali.

- (142) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazju anti-dumping, il-livell ta' dazju fil-pajjiż kollu għandu japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma jikkooperawx iżda wkoll għal daww il-produtturi li ma jkollhom l-ebda esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-PI.

## 3. Il-ġbir definittiv ta' dazji provviżorji

- (143) Fid-dawl tal-kobor tal-marġni ta' dumping misjub u minħabba l-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, huwa meqjus neċessarju li l-ammonti garantiti permezz ta' dazji provviżorju anti-dumping impost mir-Regolament provviżorju għandhom jinġabru definittivament sal-ammont tad-dazji definittivi imposti. Peress li l-ħjut issa huma esklużi mill-ambitu tal-prodott (ara l-premessi 13 sa 24), l-ammonti garantiti b'mod provviżorju fuq importazzjonijiet tal-ħjut għandhom jiġu rilaxxati. Peress li l-rati tad-dazju definittivi huma aktar baxxi mir-rati tad-dazju provviżorju, l-ammonti garantiti provviżorjament b'aktar mir-rata definittiva tad-dazju anti-dumping għandhom jiġu rilaxxati,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

1. Dazju definittiv anti-dumping huwa hawnhekk impost fuq importazzjonijiet ta' swieġel tal-fibra tal-ħġieġ imqattgħa, ta' tul ta' mhux iktar minn 50 mm; fibri mibruma tal-ħġieġ minbarra fibri mibruma tal-ħġieġ li huma imdakkra u miksija u li għandhom telf ta' tkebbis ta' iktar minn 3% (kif stabbilit mill-Istandard ISO 1887); u twapet magħmula minn filamenti tal-fibra tal-ħġieġ minbarra twapet tas-suf tal-ħġieġ li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, ex 7019 12 00 u ex 7019 31 00 (Kodiċi TARIC 7019 12 00 21, 7019 12 00 22, 7019 12 00 23, 7019 12 00 24, 7019 12 00 39, 7019 31 00 29 u 7019 31 00 99) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju definittiv anti-dumping applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping (%)	Kodiċi addizzjonali taric
Changzhou New Changhai Fiberglass Co., Ltd. u Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd., Tangqiao, Yaoguan Town, Changzhou City, Jiangsu	7,3	A983
Il-kumpaniji l-oħra kollha	13,8	A999

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar dazji doganali għandhom japplikaw.

<sup>(1)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, Direttorat H, Uffiċċju N105 04/092, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.



*Artikolu 2*

1. L-ammonti garantiti permezz tad-dazji provviżorji anti-dumping skont ir-Regolament (UE) Nru 812/2010 fuq l-importazzjonijiet ta' ħjut ta' filamenti tal-fibri tal-ħġieġ, minbarra ħjut li huma mdakkra u miksija u li għandhom telf ta' tkebbis ta' iktar minn 3 % (kif stabbilit mill-Istandard ISO 1887) li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7019 19 10 (Kodiċi TARIC 7019 19 10 61, 7019 19 10 62, 7019 19 10 63, 7019 19 10 64, 7019 19 10 65, 7019 19 10 66 u 7019 19 10 79) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għandhom jiġu rilaxxati.

2. Ammonti garantiti permezz tad-dazji provviżorji anti-dumping skont ir-Regolament (UE) Nru 812/2010 fuq l-importazzjonijiet tas-swiegel imqattgħa tal-fibri tal-ħġieġ, ta' tul ta' mhux aktar minn 50 mm; fibri mibruma tal-ħġieġ minbarra

fibri mibruma tal-ħġieġ li huma imdakkra u miksija u li għandhom telf ta' tkebbis ta' iktar minn 3 % (kif stabbilit mill-Istandard ISO 1887); u twapet magħmula minn filamenti tal-fibra tal-ħġieġ minbarra twapet magħmula mis-suf tal-ħġieġ li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, ex 7019 12 00 u ex 7019 31 00 (Kodiċi TARIC 7019 12 00 21, 7019 12 00 22, 7019 12 00 23, 7019 12 00 24, 7019 12 00 39, 7019 31 00 29 u 7019 31 00 99) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għandhom jinġabru definittivament. L-ammonti garantiti b'eċċess tar-rati tad-dazju definittiv anti-dumping għandhom jiġu rilaxxati.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2011.

Għall-Kunsill  
Il-President  
CSÉFALVAY Z.

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 249/2011

tal-14 ta' Marzu 2011

li jadotta l-ispeċifikazzjonijiet tal-modulu *ad hoc* tal-2012 dwar it-tranżizzjoni mix-xogħol għall-irtirar stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità<sup>(1)</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Hemm il-ħtieġa ta' sett ta' dejta sħiħa u komparabbli dwar it-tranżizzjoni mix-xogħol għall-irtirar sabiex jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-għanijiet komuni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Iż-żewġ proċessi jidentifikaw il-promozzjoni tat-tixjijh attiv u t-titwil tal-ħajja tax-xogħol bħala prijoritajiet għall-azzjoni, b'mod partikolari skont il-linja gwida 7 tal-Linji Gwida Integrati tal-Ewropa 2020 ("Iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis tal-qgħad strutturali") u skont l-għan ta' pensjonijiet xierqa u sostenibbli adottat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2006 fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Naħdmu flimkien, naħdmu aħjar: Qafas ġdid għall-koordinazzjoni miftuħa ta' ħarsien soċjali u strateġiji ta' inklużjoni fl-Unjoni Ewropea".
- (2) Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress<sup>(2)</sup> issostni l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi Dan il-programm isostni

finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. Fil-qasam tal-pensjonijiet il-programm jipprevedi l-analiżi politika, l-informazzjoni statistika u l-għotja ta' pariri.

- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 365/2008 tat-23 ta' April 2008 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin 2010, 2011 u 2012, għall-istħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol stipulat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98<sup>(3)</sup> jinkludi modulu *ad hoc* dwar it-tranżizzjoni mix-xogħol għall-irtirar. Il-lista ta' varjabbli għal dan il-modulu għandha tiġi stabbilita.
- (4) Għandha ssir referenza għall-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(4)</sup> dwar ir-rappurtaġġ ta' kwalità u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/498/KE<sup>(5)</sup> dwar l-istruttura tar-rapport.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-lista dettaljata ta' varjabbli għall-modulu *ad hoc* tal-2012 dwar it-tranżizzjoni mix-xogħol għall-irtirar li għandha tiġi miżjuda mal-istħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol għandha tkun kif stabbilita fl-Anness.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.<sup>(2)</sup> ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 112, 24.4.2008, p. 22.<sup>(4)</sup> ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.<sup>(5)</sup> ĠU L 168, 30.6.2009, p. 50.

## ANNEX

## STĦARRIĠ DWAR IL-FORZA TAX-XOGĦOL

Speċifikazzjonijiet tal-modulu *ad hoc* tal-2012 dwar it-tranżizzjoni mix-xogħol għall-irtirar

1. L-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati: kollha.
2. Il-varjabbli għandhom jiġu kkodifikati kif ġej:

(Il-kodijiet tal-varjabbli tal-Istħarriġ ta' Kampjuni tal-Forza tax-Xogħol fil-kolonna "Filtru" jirreferu għall-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' dejta mill-2009 'il quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' dejta dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza <sup>(1)</sup>)

Isem	Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
PENSJONI	197		<b>Il-persuna tirċievi pensjoni</b>	Kulħadd tal-età ta' bejn 50 u 69 u (WSTATOR = 1, 2 jew (WSTATOR = 3, 5 u (YEARPR-YEARBIR) > 49))
		1	Iva	
		2	Le	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	L-ebda tweġiba jew ma jafx	
PENSTYPE	198-205		<b>Tip ta' pensjoni/pensjonijiet</b>	PENSJONI = 1
PENSTYP1		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tax-xjuħija; Skema statutorja	
PENSTYP2		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tax-xjuħija; Skema għax-xogħol:	
PENSTYP3		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tax-xjuħija; Skema personali	
PENSTYP4		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tax-xjuħija; Skema mhux magħrufa	
PENSTYP5		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tal-qgħad	
PENSTYP6		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tad-diżabilità;	
PENSTYP7		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tas-superstiti	
PENSTYP8		1: Iva; 0: Le	Pensjoni/pensjonijiet oħra jew tip ta' pensjoni mhux magħrufa	
		99999999	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
EARLYRET	206		<b>Irtirar bikri</b>	PENSTYP1 = 1 jew PENSTYP2 = 1 jew PENSTYP3 = 1 jew PENSTYP4 = 1
		1	Iva	
		2	Le	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	L-ebda tweġiba jew ma jafx	
AGEPENS	207-208		<b>L-età li fiha l-persuna rċeviet pensjoni tax-xjuħija għall-ewwel darba</b>	PENSTYP1 = 1 jew PENSTYP2 = 1 jew PENSTYP3 = 1 jew PENSTYP4 = 1
		2 figuri		
		99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	L-ebda tweġiba jew ma jafx	
REASNOT	209		<b>Ir-raġuni ewlenija għaliex il-persuna ma baqgetx għal żmien itwal fix-xogħol</b>	WSTATOR = 3, 5 u SEEKWORK = 3 u PENSION = 1
		1	Arranġamenti finanzjarji favorevoli biex jitlaq	
		2	Tilef l-impjeg u/jew ma setax isib impjeg	

<sup>(1)</sup> ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57.

Isem	Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
WORKLONG	210	3	Kien laħaq l-età massima għall-irtirar	WSTATOR = 3, 5 u SEEKWORK = 3 u PENSION = 1
		4	Kien laħaq l-eliġibbiltà għal pensjoni	
		5	Raġunijiet oħra relatati mal-impjeg	
		6	Saħħa personali jew diżabilità	
		7	Raġunijiet relatati mal-familja jew il-kura	
		8	Oħrajn	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	L-ebda tweġiba jew ma jafx	
		<b>Jixtieq jibqa' għal aktar żmien fix-xogħol</b>		
REDUCHRS	211	1	Iva	(WSTATOR = 1, 2 u tal-età ta' bejn 55 u 69) jew (WSTATOR = 3, 5 u SEEKWORK = 3 u PENSION = 1)
		2	Le	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	L-ebda tweġiba jew ma jafx	
		<b>Il-persuna naqqset is-siġhat ta' xogħol bliġhan li tirtira kompletament mix-xogħol</b>		
		1	Iva, qabel ma rċieva l-ewwel pensjoni tax-xjuħija	
		2	Iva, minn mindu jew wara li rċieva l-ewwel pensjoni tax-xjuħija	
		3	Le	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
STAYWORK	212	Vojt	L-ebda tweġiba jew ma jafx	WSTATOR = 1, 2 u PENSION = 1
		<b>Ir-raġuni ewlenija għaliex il-persuna taħdem</b>		
		1	Biex jiġu stabbiliti jew jiżdiedu l-intitolamenti futuri tal-pensjoni tal-irtirar	
		2	Biex jipprovdi dħul personali/għall-familja biżżejjed	
		3	Taħlita ta' 1 u 2	
		4	Raġunijiet mhux finanzjarji, pereżempju sodisfazzjon mix-xogħol	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	L-ebda tweġiba jew ma jafx	
		PLANSTOP	213	
<b>Jippjana li jieqaf mix-xogħol</b>				
1	Fi żmien massimu ta' sena			
2	Fi żmien ta' aktar min sena sa massimu ta' 3 snin			
3	Fi żmien ta' aktar minn 3 snin sa massimu ta' 5 snin			
4	Fi żmien ta' aktar minn 5 snin sa massimu ta' 10 snin			
5	Aktar minn 10 snin			
9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)			
Vojt	L-ebda tweġiba jew ma jafx			

Isem	Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
BUILDPEN	214-217		<b>Drittijiet tal-pensjoni akkumulati s'issa</b>	PENSION = 2, vojt jew (PENSTYP1 sa PENSTYP4 = 0)
BUILDPEN1		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tax-xjuħija; Skema statutorja	
BUILDPEN2		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tax-xjuħija; Skema ġħax-xogħol:	
BUILDPEN3		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tax-xjuħija; Skema personali	
BUILDPEN4		1: Iva; 0: Le	Pensjoni tax-xjuħija; Skema mhux magħrufa	
		9999	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
CONTWORK	218		<b>Jippjana li jkompli jaħdem/qiegħed ifittex impjieg wara li jirċievi l-pensjoni tax-xjuħija</b>	(WSTATOR = 1, 2 jew (WSTATOR = 3, 5 u SEEKWORK = 1, 2, 4)) u BUILDPEN ≠ 0000, 9999 u PENSION = 2, vojt
		1	Iva, ġħal raġunijiet finanzjarji	
		2	Iva, ġħal raġunijiet oħra	
		3	Le, jieqaf minnufih wara li jirċievi l-pensjoni tax-xjuħija	
		4	Le, jieqaf minnufih qabel ma jirċievi l-pensjoni tax-xjuħija	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	L-ebda tweġiba jew ma jafx	
	219-224		<b>Fattur ta' peżar ġħall-modulu ad hoc tal-2012 (mhux obbligatorju)</b>	Kulħadd tal-età ta' bejn 50 u 69 u (WSTATOR = 1, 2 jew (WSTATOR = 3, 5 u (YEARPR-YEARBIR) > 49))
		0000-9999	Il-kolonna 219-222 fihom numri sħaħ	
		00-99	Il-kolonna 223-224 fihom punti deċimali	



**REGOLAMENT IMPLIMENTATTIV TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 250/2011****tal-14 ta' Marzu 2011****li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u  
ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

## ANNEX

## il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	54,4
	TN	97,4
	TR	84,0
	ZZ	78,6
0707 00 05	JO	158,2
	TR	164,7
	ZZ	161,5
0709 90 70	MA	41,1
	TR	137,4
	ZZ	89,3
0805 10 20	EG	54,3
	IL	78,4
	JM	51,6
	MA	47,3
	TN	45,0
	TR	68,6
	ZZ	57,5
0805 50 10	EG	67,3
	MA	42,1
	TR	43,2
	ZZ	50,9
0808 10 80	AR	96,2
	BR	86,9
	CA	91,4
	CL	113,5
	CN	85,5
	MK	50,2
	US	142,8
	ZA	67,5
	ZZ	91,8
0808 20 50	AR	91,6
	CL	79,3
	CN	69,0
	US	79,9
	ZA	93,2
	ZZ	82,6

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT IMPLIMENTATTIV TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 251/2011****tal-14 ta' Marzu 2011****li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni sub-paragrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet

għas-sena tas-suq 2010/11 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 867/2010 <sup>(3)</sup>. Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 246/2011 <sup>(4)</sup>.

- (2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fidejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

<sup>(3)</sup> ĠU L 259, 1.10.2010, p. 3.

<sup>(4)</sup> ĠU L 66, 12.3.2011, p. 25.

## ANNEX

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-15 ta' Marzu 2011**

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 11 10 <sup>(1)</sup>	55,06	0,00
1701 11 90 <sup>(1)</sup>	55,06	0,00
1701 12 10 <sup>(1)</sup>	55,06	0,00
1701 12 90 <sup>(1)</sup>	55,06	0,00
1701 91 00 <sup>(2)</sup>	52,69	1,66
1701 99 10 <sup>(2)</sup>	52,69	0,00
1701 99 90 <sup>(2)</sup>	52,69	0,00
1702 90 95 <sup>(3)</sup>	0,53	0,20

<sup>(1)</sup> Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

<sup>(2)</sup> Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

<sup>(3)</sup> Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Frar 2011

dwar it-tiġdid tal-mandat tal-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)

(2011/158/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI EWROPEA,

Sorveljanza skada fit-30 ta' Novembru 2008. Huma baqgħu jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom sal-iskadenza tal-mandat tagħhom skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolamenti.

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

- (3) Minħabba li l-mandat tal-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza m'għandux ikun iktar minn sitt snin, il-mandat tal-membri attwali, li baqgħu fil-kariga sal-iskadenza tal-ewwel terminu tagħhom, għandu jiġġedded sat-30 ta' Novembru 2011.

Wara li kkunsidraw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, tat-28 ta' April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 <sup>(3)</sup> dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2),

### Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma l-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) sat-30 ta' Novembru 2011:

Wara li kkunsidraw id-Deċiżjoni 2005/833/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2005 li tinnomina l-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) <sup>(4)</sup>,

— Sur Peter STRÖMBERG;

Billi:

— Sur Kálmán GYÖRGYI;

- (1) L-Artikolu 11(2) tar-Regolamenti (KE) Nru 1073/1999 u (Euratom) Nru 1074/1999 jipprovdi li l-Kumitat ta' Sorveljanza "għandu jkun kompost minn ħames persuni indipendenti u esterni li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa għall-ħatra fil-pajjiżi rispettivi tagħhom f'karigi ta' anzjanità li għandhom x'jaqsmu mal-oqsma ta' attività tal-Uffiċċju" u li dawn il-persuni għandhom jinħatru bi qbil komuni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

— Sinjura Rosalind WRIGHT;

— Sur Luis LÓPEZ SANZ-ARÁNGUEZ;

— Sinjura Diemut R. THEATO.

### Artikolu 2

- (2) Skont l-Artikolu 11(3), il-mandat tal-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jkun ta' tliet snin u jista' jiġġedded darba. Il-mandat tal-membri attwali tal-Kumitat ta'

Il-persuni kkonċernati għandhom jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni dwar din id-deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20.

<sup>(2)</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8.

<sup>(4)</sup> ĠU L 312, 29.11.2005, p. 49.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-1 ta' Diċembru 2008.



*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2011.

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*  
J. BUZEK

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
MARTONYI J.

*Għall-Kummissjoni*  
*Algirdas ŠEMETA*  
*Membru tal-Kummissjoni*

---





## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

